Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 607/2009

tal-14 ta' Lulju 2009

li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, termini tradizzjonali, it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid.

(ĠU L 193, 24.7.2009, p. 60)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 401/2010 tas-7 ta' Mejju 2010	L 117	13	11.5.2010
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 538/2011 tal-1 ta' Ġunju 2011	L 147	6	2.6.2011
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 670/2011 tat-12 ta' Lulju 2011	L 183	6	13.7.2011
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 428/2012 tat-22 ta' Mejju 2012	L 132	10	23.5.2012
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 579/2012 tad-29 ta' Ġunju 2012	L 171	4	30.6.2012
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1185/2012 tal-11 ta' Diċembru 2012	L 338	18	12.12.2012
►M7	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 753/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013	L 210	21	6.8.2013
►M9	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1353 tad-19 ta' Mejju 2017	L 190	5	21.7.2017

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 248, 22.9.2010, p. 67 (401/2010)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 607/2009

tal-14 ta' Lulju 2009

li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, termini tradizzjonali, it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid.

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 b'mod partikulari rigward:

(a) id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu IV ta' dak it-Titolu li jirreferu għad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti tal-prodotti msemmijin fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008;

(b) id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu V ta' dak it-Titolu li jirreferu għat-termini tradizzjonali tal-prodotti msemmijin fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008;

(c) id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu VI ta' dak it-Titolu li jirreferu għat-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid.

KAPITOLU II

ID-DENOMINAZZJONIJIET TAL-ORIĠINI U L-INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI PROTETTI

TAQSIMA 1

Applikazzjoni għall-protezzjoni

Artikolu 2

L-applikant

1. Produttur wieħed jista' jkun applikant fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jekk jintwera li:

(a) il-persuna inkwistjoni hija l-uniku produttur fiż-żona ġeografika demarkata, u

(b) meta ż-żona ġeografika demarkata rilevanti hija mdawra b'żoni b'denominazzjonijiet tal-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi, din iż-żona rilevanti għandha karatteristiċi li huma differenti b'mod sostanzjali minn dawk taż-żoni demarkati tal-madwar jew il-karatteristiċi tal-prodott ikunu differenti minn dawk tal-prodott miksub fiż-żoni demarkati tal-madwar.

▼B

2. Stat Membru jew pajjiż terz, jew l-awtorità rispettiva tagħhom ma jistgħux ikunu applikanti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

▼M3

Artikolu 3

Talba għall-protezzjoni

It-talba għall-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika tikkonsisti fid-dokumenti mitluba fl-Artikoli 118c u 118d tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott u fid-dokument waħdieni.

It-talba u d-dokument waħdieni għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 70a(1) ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 4

Isem

1. L-isem li għandu jiġi protett għandu jiġi rreġistrat biss bil-lingwa/i użata/i biex tiddeskrivi/jiddeskrivu l-prodott inkwistjoni fiż-żona ġeografika demarkata.

2. L-isem għandu jiġi rreġistrat bl-ortografija/i oriġinali tiegħu.

Artikolu 5

Id-demarkazzjoni taż-żona ġeografika

Iż-żona għandha tiġi ddemarkata b'mod dettaljat, preċiż u mhux ambigwu.

Artikolu 6

Il-produzzjoni taż-żona ġeografika demarkata

1. Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 34(1)(a)(iii) u (b)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u ta' dan l-Artikolu "*l-produzzjoni*" tkopri l-operażżjonijiet kollha involuti, mill-qtugħ tal-għeneb sat-tlestija tal-proċess tal-produzzjoni tal-inbid, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe proċess ta' wara l-produzzjoni.

2. Għall-prodotti b'indikazzjoni ġeografika protetta, il-porzjon tal-għeneb, sa 15 %, li jista' joriġina barra miż-żona ġeografika demarkata kif ipprovdut fl-Artikolu 34(1)(b)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, għandu jiġi mill-Istat Membru jew mill-pajjiż terz ikkonċernat li fih tinsab iż-żona demarkata.

3. Permezz tad-deroga mill-Artikolu 34(1)(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, japplika l-Anness III, Parti B, paragrafu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 ([1]) dwar il-prattiki u r-restrizzjonijiet tal-produzzjoni tal-inbid.

([1]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

4. Permezz tad-deroga mill-Artikolu 34(1)(a)(ii) u (1)(b)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, u bil-kundizzjoni li l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tipprovdi hekk, prodott b'denominazzjoni tal-oriġini u indikazzjoni ġeografika protetti jista' jsir inbid jew:

(a) f'żona qrib ħafna taż-żona demarkata kkonċernata, jew

(b) f'żona li tinsab fi ħdan l-istess unità amministrattiva jew fi ħdan żona amministrattiva ġara, b'konformità mar-regoli nazzjonali, jew;

(c) fil-każ ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika transkonfinali, jew meta jeżisti ftehim dwar il-miżuri ta' kontroll bejn żewġ Stati Membri jew iktar jew bejn Stat Membru wieħed jew iktar u pajjiż terz wieħed jew iktar, prodott b'denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika jista' jsir inbid f'żona li tinsab qrib ħafna taż-żona demarkata inkwistjoni.

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 34(1)(b)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, u bil-kundizzjoni li l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tipprovdi hekk, inbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta jistgħu jibqgħu jsiru nbid lil hinn minn żoni li huma qrib ħafna taż-żona demarkata inkwistjoni sal-31 ta' Diċembru 2012.

Permezz tad-deroga mill-Artikolu 34(1)(a)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, u bil-kundizzjoni li l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tipprovdi hekk, prodott jista' jsir inbid frizzanti jew inbid semi-frizzanti b'denominazzjoni tal-oriġini protetta li mhijiex qrib ħafna taż-żona demarkata inkwistjoni jekk din il-prattika kienet tintuża qabel l-1 ta' Marzu 1986.

Artikolu 7

Rabta

1. Id-dettalji li juru r-rabta ġeografika msemmija fl-Artikolu 35(2)(g) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom jispjegaw sa fejn il-karatteristiċi taż-żona ġeografika demarkata jistgħu jinfluwenzaw il-prodott finali.

F'każ ta' applikazzjonijiet li jkopru kategoriji differenti ta' prodotti tad-dwieli, id-dettalji li juru r-rabta għandhom jintwerew għal kull prodott tad-dwieli kkonċernat.

2. F'każ ta' denominazzjoni tal-oriġini, l-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandha tistabbilixxi:

(a) id-dettalji taż-żona ġeografika, u b'mod partikulari l-fatturi naturali u umani, rilevanti għal din ir-rabta;

(b) id-dettalji tal-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott li jirriżultaw essenzjalment jew esklussivament mill-ambjent ġeografiku;

(c) deskrizzjoni tal-interazzjoni kawżali bejn id-dettalji msemmijin fil-punt (a) u dawk imsemmijin fil-punt (b).

▼B

3. F'każ ta' indikazzjoni ġeografika, l-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandha tistabbilixxi:

(a) id-dettalji taż-żona ġeografika rilevanti għar-rabta;

(b) id-dettalji tal-kwalità, ir-reputazzjoni u karatteristiċi speċifiċi oħrajn tal-prodott li jirriżultaw mill-oriġini ġeografika tiegħu;

(c) deskrizzjoni tal-interazzjoni kawżali bejn id-dettalji msemmijin fil-punt (a) u dawk imsemmijin fil-punt (b).

4. L-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal indikazzjoni ġeografika għandha tindika jekk huwiex ibbażat fuq kwalità speċifika jew reputazzjoni jew karatteristiċi oħrajn marbutin mal-oriġini ġeografika tiegħu.

Artikolu 8

L-imballaġġ fiż-żona ġeografika demarkata

Jekk speċifikazzjoni tal-prodott tindika li l-imballaġġ tal-prodott għandu jsir fi ħdan iż-żona ġeografika demarkata jew f'żona qrib ħafna taż-żona demarkata inkwistjoni, skont rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 35(2)(h) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, għandha tingħata ġustifikazzjoni għal dan ir-rekwiżit fir-rigward tal-prodott ikkonċernat.

TAQSIMA 2

Il-proċedura ta' eżaminazzjoni tal-Kommissjoni

▼M3

Artikolu 9

It-tressiq tat-talba

1. Id-data tat-tressiq tat-talba lill-Kummissjoni għandha tkun id-data ta' meta t-talba tasal għand il-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew lil dawk ta' pajjiżi terzi jew lill-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni li rċeviet it-talba u għandha tagħti numru tal-fajl lit-talba.

Il-konferma tar-riċevuta għandu jkollha mill-inqas l-affarijiet li ġejjin:

(a) in-numru tal-fajl;

(b) l-isem li għandu jiġi rreġistrat;

(c) id-data tal-wasla tat-talba.

▼B

Artikolu 10

Is-sottomissjoni ta' applikazzjoni transkonfinali

1. Fil-każ ta' talba transkonfinali, tista' tiġi sottomessa applikazzjoni konġunta għal isem li jirreferi għal żona ġeografika transkonfinali b'iktar minn grupp wieħed ta' produtturi li jirrappreżentaw dik iż-żona.

▼B

2. Meta l-Istati Membri biss huma kkonċernati, il-proċedura nazzjonali preliminari msemmija fl-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 tapplika fl-Istati Membri kollha kkonċernati.

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 38(5) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, applikazzjoni transkonfinali għandha tintbagħat lill-Kummissjoni minn Stat Membru wieħed f'isem l-oħrajn, u għandha tinkludi awtorizzazzjoni minn kull Stat Membru ieħor ikkonċernat li tawtorizza lill-Istat Membru jibgħat l-applikazzjoni biex jaġixxi f'ismu.

3. Meta applikazzjoni transkonfinali tinvolvi pajjiżi terzi biss, l-applikazzjoni għandha tintbagħat lill-Kummissjoni jew minn wieħed mill-gruppi applikanti f'isem l-oħrajn jew minn wieħed mill-pajjiżi terzi f'isem l-oħrajn u għandha tinkludi:

(a) l-elementi li jagħtu prova li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 34 u 35 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 qed jiġu ssodisfati;

(b) il-prova tal-protezzjoni fil-pajjiżi terzi kkonċernati; u

(c) awtorizzazzjoni minn kull pajjiż terz ieħor ikkonċernat, kif imsemmi fil-paragrafu 2.

4. Meta applikazzjoni transkonfinali tinvolvi mill-inqas Stat Membru wieħed u mill-inqas pajjiż terz wieħed, il-proċedura nazzjonali preliminari msemmija fl-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 tapplika fl-Istati Membri kollha kkonċernati. L-applikazzjoni għandha tintbagħat lill-Kummissjoni minn wieħed mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi terzi jew minn wieħed mill-gruppi applikanti tal-pajjiżi terzi u għandha tinkludi:

(a) l-elementi li jagħtu prova li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 34 u 35 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 qed jiġu ssodisfati;

(b) il-prova tal-protezzjoni fil-pajjiżi terzi kkonċernati; u

(c) awtorizzazzjoni minn kull Membru Stat jew pajjiż terz ieħor ikkonċernat, kif imsemmi fil-paragrafu 2.

5. L-Istat Membru, il-pajjiżi terzi jew gruppi ta' produtturi stabbiliti fil-pajjiżi terzi li jibagħtu applikazzjoni transkonfinali lill-Kummissjoni kif imsemmi fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, isiru d-destinatarji ta' kwalunkwe notifikazzjoni jew deċiżjoni maħruġa mill-Kummissjoni.

▼M3

Artikolu 11

Ammissibbiltà tat-talba

1. Talba tkun tista' tiġi aċċettata meta d-dokument waħdieni jkun komplut kif xieraq u jkollu miegħu l-provi dokumentati. Id-dokument waħdieni għandu jitqies bħala komplut kif xieraq meta jkunu mtlew ir-rubriki obbligatorji kollha meħtieġa, kif ippreżentati fis-sistemi ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 70a.

F'dan il-każ, it-talba għandha titqies bħala ammissibbli fid-data meta din tasal għand il-Kummissjoni. L-applikant għandu jkun infurmat b'dan.

Din id-data għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

▼M3

2. Jekk it-talba ma tkunx imtliet kollha jew tkun imtliet biss parzjalment jew jekk il-provi dokumentati msemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux intbagħtu flimkien mat-talba jew jekk ma jkunux intbagħtu xi wħud minnhom, it-talba ma tkunx ammissibbli.

3. F'każ li t-talba ma tkunx ammissibbli, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew dawk tal-pajjiżi terzi jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni għandhom ikunu infurmati bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' ammissibbiltà tagħha u bil-fatt li huma intitolati jressqu talba oħra mimlija kif suppost.

▼B

Artikolu 12

L-iskrutinju tal-kundizzjonijiet tal-validità

▼M3

1. Jekk talba ammissibbli ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 118b u 118c tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew lill-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni dwar ir-raġunijiet għaċ-ċaħda tat-talba, billi tistabbilixxi skadenza, li ma tistax tkun ta' inqas minn xahrejn, għall-irtirar jew l-emendar tat-talba tagħhom jew għat-tressiq tal-kummenti tagħhom.

▼B

2. Jekk l-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni ma jirrimedjawx għall-ostakoli għar-reġistrazzjoni sad-data tal-għeluq, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-applikazzjoni skont l-Artikolu 39(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

3. Kwalunkwe deċiżjoni li tirrifjuta id-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika kkonċernata għandha tittieħed mill-Kummissjoni abbażi tad-dokumenti u l-informazzjoni disponibbli għaliha. Deċiżjoni bħal din dwar ir-rifjutar għandha tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni.

TAQSIMA 3

Il-proċeduri ta' oġġezzjoni

Artikolu 13

Il-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni f'każ ta' applikazzjonijiet transkonfinali

Għall-finijiet tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 meta applikazzjoni transkonfinali tinvolvi Stat Membru biss jew mill-inqas Stat Membru wieħed u mill-inqas pajjiż terz wieħed, il-proċedura ta' oġġezzjoni għandha tiġi applikta fl-Istati Membri kkonċernati kollha.

▼M3

Artikolu 14

It-tressiq ta' oġġezzjonijiet skont il-proċedura Komunitarja

1. L-oġġezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 118h tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma kkomunikati skont l-Artikolu 70a(1) ta' dan ir-Regolament. Id-data tat-tressiq tal-oġġezzjoni lill-Kummissjoni għandha tkun id-data ta' meta l-oġġeżżjoni tasal għand il-Kummissjoni. Din id-data għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet u l-persuni kkonċernati minn dan ir-Regolament.

▼M3

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonferma li rċeviet l-oġġezzjoni u tagħti numru tal-fajl lill-oġġezzjoni.

Il-konferma tar-riċevuta għandu jkollha mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) in-numru tal-fajl;

(b) id-data tal-wasla tal-oġġezzjoni.

▼B

Artikolu 15

L-ammissibbiltà skont il-proċedura tal-Kummissjoni

1. Għall-finijiet biex jiġi ddeterminat jekk oġġezzjoni hijiex ammissibbli, skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-oġġezzjoni ssemmi d-dritt(ijiet) preeżistenti ddikjarat(i) u r-raġuni(jiet) għall-oġġezzjoni u li tasal għand il-Kummissjoni sad-data tal-għeluq.

2. Jekk l-oġġezzjoni tkun ibbażata fuq l-eżistenza tar-reputazzjoni u r-rikonoxximent ta' marka kummerċjali preċedenti, skont l-Artikolu 43(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, l-oġġezzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-prova tat-tressiq, ir-reġistrazzjoni jew l-użu ta' dik il-marka kummerċjali preċedenti, bħaċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jew prova tal-użu tagħha, u prova tar-reputazzjoni u r-rikonoxximent tagħha.

3. Kwalunkwe oġġezzjoni sostanzjata b'mod xieraq għandu jkun fiha d-dettalji tal-fatti, l-evidenza u l-kummenti sottomessi b'appoġġ għall-oġġezzjoni, akkumpanjati mid-dokumenti ta' evidenza rilevanti.

L-informazzjoni u l-evidenza li għandhom jiġu ppreżentati b'appoġġ għall-użu ta' marka kummerċjali preċedenti għandhom jinkludu d-dettalji tal-post, it-tul ta' żmien, id-daqs u n-natura tal-użu tal-marka kummerċjali preċedenti, u tar-reputazzjoni u r-rikonoxximent tagħha.

4. Jekk id-dettalji tad-dritt(ijiet) preeżistenti ddikjarat(i), ir-r-raġuni(-jiet), il-fatti, l-evidenza jew il-kummenti, jew id-dokumenti ta' evidenza, kif imsemmi fil-paragrafi 1 sa 3, ma ġewx ippreżentati fl-istess ħin mal-oġġezzjoni jew hemm xi ftit neqsin, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-opponent kif meħtieġ u għandha tistiednu jirranġa n-nuqqasijiet innutati f'perjodu ta' xahrejn. Jekk in-nuqqasijiet ma jiġux irranġati qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-oġġezzjoni bħala inammissibbli. Id-deċiżjoni dwar l-inammissibbiltà għandha tiġi nnotifikata lill-persuna li toġġezzjona u lill-Istat Membru jew l-awtoritajiet tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni.

5. Oġġezzjoni li titqies ammissibbli għandha tiġi nnotifikata lill-Istat Membru jew l-awtoritajiet tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni.

▼B

Artikolu 16

L-iskrutinju ta' oġġezzjoni skont il-proċedura tal-Kummissjoni

1. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx irrifjutat l-oġġezzjoni skont l-Artikolu 15(4), għandha tikkomunika l-oġġezzjoni lill-Istat Membru jew l-awtoritajiet tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni u għandha tistiednu jressaq l-osservazzjonijiet fi żmien xahrejn mid-data tal-ħruġ ta' komunikazzjoni bħal din. Kwalunkwe osservazzjonijiet irċevuti fi żmien dan il-perjodu ta' xahrejn għandhom jiġu kkomunikati lill-persuna li toġġezzjona.

Matul l-iskrutinju ta' oġġezzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-partijiet biex jekk ikun xieraq jissottomettu l-kummenti dwar il-komunikazzjonijiet rċevuti mill-partijiet l-oħrajn f'perjodu ta' xahrejn mid-data tal-ħruġ ta' talba bħal din.

2. Jekk l-Istat Membru jew l-awtoritajiet tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni jew il-persuna li toġġezzjona ma tressaq l-ebda osservazzjonijiet bi tweġiba, jew ma tirrispettax l-iskadenzi, il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-oppożizzjoni.

3. Kwalunkwe deċiżjoni li tirrifjuta jew tirreġistra d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika kkonċernata għandha tittieħed mill-Kummissjoni abbażi tal-evidenza disponibbli għaliha. Id-deċiżjoni dwar ir-rifjutar għandha tiġi nnotifikata lill-persuna li toġġezzjona u lill-Istat Membru jew l-awtoritajiet tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni.

4. Fil-każ ta' ħafna persuni li joġġezzjonaw, wara eżami preliminari ta' oġġezzjoni waħda bħal din jew iktar, jista' ma jkunx possibbli li l-applikazzjoni tiġi aċċettata għar-reġistrazzjoni; f'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-proċeduri l-oħrajn ta' oġġezzjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-persuni l-oħrajn li joġġezzjonaw bi kwalunkwe deċiżjoni li taffetwhom li ttieħdet matul il-proċedura.

Meta tiġi rrifjutata applikazzjoni, il-proċeduri ta' oġġezzjoni li ġew sospiżi għandhom jitqiesu magħluqin u l-persuni kkonċernati li joġġezzjonaw għandhom jiġu infurmati kif xieraq.

TAQSIMA 4

Protezzjoni

Artikolu 17

Deċiżjoni dwar il-protezzjoni

1. Sakemm l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi jiġu rrifjutati skont l-Artikoli 11, 12, 16 u 28, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li tipproteġi d-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

2. Id-deċiżjonijiet dwar il-protezzjoni meħuda skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼M3

Artikolu 18

Ir-reġistru

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornat "reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti", minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-reġistru", skont l-Artikolu 118n tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Dan għandu jiġi stabbilit fil-bażi tad-dejta elettronika msejħa "E-Bacchus" abbażi tad-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni lid-denominazzjonijiet inkwistjoni.

2. Denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika li tkun ġiet aċċettata għandha tiddaħħal fir-reġistru.

Fil-każ ta' denominazzjonijiet irreġistrati skont l-Artikolu 118s(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-Kummissjoni għandha ddaħħal id-dejta li dwarha hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fir-reġistru.

3. Il-Kummissjoni għandha ddaħħal id-dejta li ġejja fir-reġistru:

(a) id-denominazzjoni protetta;

(b) in-numru tal-fajl;

(c) il-fatt li l-isem huwa protett bħala indikazzjoni ġeografika jew bħala denominazzjoni tal-oriġini;

(d) isem il-pajjiż jew il-pajjiżi tal-oriġini;

(e) id-data tar-reġistrazzjoni;

(f) referenza għall-istrument legali li jipproteġi d-denominazzjoni;

(g) referenza għad-dokument waħdieni.

4. Ir-reġistru għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

▼B

Artikolu 19

Protezzjoni

1. Il-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika għandha tibda mid-data li tiddaħħal fir-Reġistru.

2. Fil-każ ta' użu illegali ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom, b'inizjattiva tagħhom stess, skont l-Artikolu 45(4) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, jew fuq talba ta' parti, jieħdu l-passi meħtieġa biex iwaqqfu dan l-użu illegali u jevitaw kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni jew esportazzjoni tal-prodott inkwistjoni.

3. Il-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika għandha tapplika għad-denominazzjoni kollha inkluż l-elementi kostituttivi jekk jiġi pprovdut li huma distintivi. Element mhux distintiv jew ġeneriku ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta ma għandux jiġi protett.

▼B

TAQSIMA 5

Emendi u kanċellazzjonijiet

Artikolu 20

Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott jew fid-dokument waħdieni

▼M3

1. Talba għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott li tkun tressqet minn applikant kif imsemmi fl-Artikolu 118e tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għal denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta għandha tkun ikkomunikata skont l-Artikolu 70a(1) ta' dan ir-Regolament.

2. Talba għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott skont l-Artikolu 118q(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandha tkun ammissibbli jekk l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 118c(2) ta' dak ir-Regolament u t-talba li tkun saret kif xieraq ikunu ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni.

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 118q(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Artikoli 9 sa 18 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

▼B

4. Emenda hija kkunsidrata minuri jekk:

(a) ma tikkonċernax il-karatteristiċi essenzjali tal-prodott;

(b) ma tbiddilx ir-rabta;

(c) ma tinkludix bidla fl-isem jew fi kwalunkwe parti tal-isem tal-prodott;

(d) ma taffetwax iż-żona ġeografika demarkata;

(e) ma twassalx għal kwalunkwe restrizzjonijiet oħrajn fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

5. Meta applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiġi sottomessa minn applikant li mhuwiex l-applikant inizjali, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-applikazzjoni lill-applikant inizjali.

6. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li taċċetta emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott li taffetwa jew tinkludi emenda fl-informazzjoni rreġistrata fir-Reġistru, għandha tħassar id-dejta oriġinali mir-Reġistru u ddaħħal id-dejta l-ġdida b'effett mid-data li fiha d-deċiżjoni rilevanti tidħol fis-seħħ.

▼M3

Artikolu 21

Tressiq ta' talba għall-kanċellazzjoni

1. Talba għall-kanċellazzjoni magħmula skont l-Artikolu 118r tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandha tiġi kkomunikata skont l-Artikolu 70a(1) ta' dan ir-Regolament. Id-data tat-tressiq tat-talba għall-kanċellazzjoni lill-Kummissjoni għandha tkun id-data ta' meta t-talba tasal għand il-Kummissjoni. Din id-data għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

▼M3

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonferma li rċeviet it-talba u tagħti numru tal-fajl lit-talba.

Il-konferma tar-riċevuta għandu jkollha mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) in-numru tal-fajl,

(b) id-data tal-wasla tat-talba.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx meta l-kanċellazzjoni tinbeda mill-Kummissjoni.

▼B

Artikolu 22

L-ammissibbiltà

1. Għall-finijiet biex jiġi ddeterminat jekk talba għall-kanċellazzjoni hijiex ammissibbli, skont l-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, il-Kummissjoni għandha tivverifika li t-talba:

(a) issemmi l-interess leġittimu, ir-raġunijiet u l-ġustifikazzjoni tal-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni;

(b) tispjega r-raġuni għall-kanċellazzjoni; u

(c) tirreferi għal stqarrija mill-Istat Membru jew pajjiż terz fejn tinsab ir-residenza jew l-uffiċċju reġistrat tal-awtur tat-talba li tappoġġja t-talba għall-kanċellazzjoni.

2. Kwalunkwe talba għall-kanċellazzjoni għandu jkun fiha d-dettalji tal-fatti, l-evidenza u l-kummenti sottomessi b'appoġġ għall-kanċellazzjoni, akkumpanjati mid-dokumenti ta' evidenza rilevanti.

3. Jekk l-informazzjoni dettaljata dwar ir-raġunijiet, il-fatti, l-evidenza u l-kummenti, kif ukoll id-dokumenti ta' evidenza msemmijin fil-paragrafi 1 u 2, ma ġewx ippreżentati fl-istess ħin mat-talba għall-kanċellazzjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni kif meħtieġ u għandha tistiednu jirranġa n-nuqqasijiet innutati f'perjodu ta' xahrejn. Jekk in-nuqqasijiet ma jiġux irranġati qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta t-talba bħala inammissibbli. Id-deċiżjoni dwar l-inammissibbiltà għandha tiġi nnotifikata lill-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni u lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni.

4. Kwalunkwe talba għall-kanċellazzjoni li titqies ammissibbli, kif ukoll proċedura ta' kanċellazzjoni b'inizjattiva tal-Kummissjoni stess, għandha tiġi nnotifikata lill-Istat Membru jew l-awtoritajiet tal-pajjiż terz jew l-applikanti stabbiliti fil-pajjiż terz li d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika tagħhom hija affetwata mill-kanċellazzjoni.

▼M3

5. Il-komunikazzjonijiet lill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandhom isiru skont l-Artikolu 70a(1).

▼B

Artikolu 23

L-iskrutinju ta' kanċellazzjoni

1. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx irrifjutat it-talba għall-kanċellazzjoni skont l-Artikolu 22(3), għandha tikkomunika l-kanċellazzjoni lill-Istat Membru jew l-awtoritajiet tal-pajjiż terz jew il-produtturi kkonċernati stabbiliti fil-pajjiż terz inkwistjoni u għandha tistidinhom biex iressqu l-osservazzjonijiet fi żmien xahrejn mid-data tal-ħruġ ta' komunikazzjoni bħal din. Kwalunkwe osservazzjonijiet rċevuti fi żmien dan il-perjodu ta' xahrejn għandhom jiġu kkomunikati, fejn meħtieġ, lill-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni.

Matul l-iskrutinju ta' kanċellazzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-partijiet biex jekk ikun xieraq jissottomettu l-kummenti dwar il-komunikazzjonijiet irċevuti mill-partijiet l-oħrajn f'perjodu ta' xahrejn mid-data tal-ħruġ ta' talba bħal din.

▼M3

Il-komunikazzjonijiet lill-Kummissjoni msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandhom isiru skont l-Artikolu 70a(1).

▼B

2. Jekk l-Istat Membru jew l-awtoritajiet tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni jew l-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni ma jressaq l-ebda osservazzjonijiet bi tweġiba, jew ma jirrispettax il-perjodi taż-żmien, il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-kanċellazzjoni.

3. Kwalunkwe deċiżjoni li tħassar id-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika kkonċernata għandha tittieħed mill-Kummissjoni abbażi tal-evidenza disponibbli għaliha. Għandha tikkonsidra jekk il-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal prodott fis-settur tal-inbid b'denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta ma għadhiex ikar possibbli jew ma tistax tibqa' tiġi garantita, partikolarment jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 ma għadhomx jiġu ssodisfati jew ma jistgħux jibqgħu jiġu ssodisfati fil-futur qarib.

Deċiżjoni bħal din dwar il-kanċellazzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni u lill-Istat Membru jew l-awtoritajiet tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni.

4. Fil-każ ta' diversi talbiet għall-kanċellazzjoni, wara eżami preliminari ta' talba għall-kanċellazzjoni waħda bħal din jew iktar, jista' ma jkunx possibbli li jiġi aċċettat li titkompla tiġi protetta denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, f'liema każ il-Kummissjoni tista' tissospendi l-proċeduri ta' kanċellazzjoni l-oħrajn. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awturi l-oħrajn tat-talbiet għall-kanċellazzjoni bi kwalunkwe deċiżjoni li taffetwhom li ttieħdet matul il-proċedura.

Meta titħassar denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, il-proċeduri ta' kanċellazzjoni li ġew sospiżi għandhom jitqiesu magħluqin u l-awturi kkonċernati tat-talba għall-kanċellazzjoni għandhom jiġu infurmati kif xieraq.

5. Meta kanċellazzjoni tidħol fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-isem mir-Reġistru.

▼B

TAQSIMA 6

Il-kontrolli

▼M1

Artikolu 24

Notifikar tal-operaturi

Kull operatur li jixtieq jipparteċipa fil-produzzjoni jew l-imballaġġ, kollu jew parti minnu, ta' prodott b'denominazzjoni protetta tal-oriġini jew b'indikazzjoni ġeografika protetta, għandu jiġi ddikjarat mal-awtorità kompetenti tal-kontroll imsemmija fl-Artikolu 118o tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

▼B

Artikolu 25

Verifikazzjoni annwali

1. Il-verifikazzjoni annwali li ssir mill-awtorità kompetenti tal-kontroll kif imsemmi fl-Artikolu 48(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandha tikkonsisti minn:

(a) l-ittestjar organolettiku u analitiku għall-prodotti koperti b'denominazzjoni tal-oriġini;

(b) jew ittestjar analitiku biss jew ittestjar organolettiku u analitiku għall-prodotti koperti b'denominazzjoni tal-oriġini; u

(c) kontroll fuq il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

▼M1

Il-verifikazzjoni annwali għandha ssir fl-Istat Membru li fih saret il-produzzjoni skont l-ispeċifikazzjoni tal-prodott u għandha titwettaq jew permezz ta':

(a) kontrolli każwali bbażati fuq analiżi tar-riskju; jew

(b) kampjunar; jew

(c) sistematikament; jew

(d) taħlita ta' dawn ta' hawn fuq.

▼B

Fil-każ ta' kontrolli każwali, l-Istati Membri għandhom jagħżlu għadd minimu ta' operaturi li se jkunu soġġetti għal dawk il-kontrolli.

Fil-każ tat-teħid tal-kampjuni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li bin-numru tagħhom, in-natura u l-frekwenza tal-kontrolli jkunu rappreżentattivi għaż-żona ġeografika demarkata kkonċernata kollha u jikkorrispondu mal-volum tal-prodotti fis-settur tal-inbid ikkummerċjalizzati jew miżmuma bil-ħsieb li jiġu kkummerċjalizzati.

▼M1

_____

▼B

2. L-ittestjar imsemmi fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b) għandu jsir fuq it-teħid ta' kampjuni anonimi, juri li l-prodott ittestjat jikkonforma mal-karatteristiċi u l-kwalitajiet deskritti fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott għad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika rilevanti, u jsir fi kwalunkwe stadju fil-proċess tal-produzzjoni, inkluż ukoll l-istadju tal-imballaġġ, jew iktar tard. Kull kampjun li jittieħed għandu jkun rappreżentattiv tal-inbejjed rilevanti miżmuma mill-operatur.

▼B

3. Għall-finijiet tal-iċċekkjar tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodotti msemmijin fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), l-awtorità tal-kontroll għandha tiċċekkja:

(a) il-post fejn jaħdmu l-operaturi, li jikkonsisti mill-iċċekkjar li l-operaturi jkunu attwalment kapaċi jilħqu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott; u

(b) il-prodotti fi kwalunkwe stadju tal-proċess tal-produzzjoni, inkluż l-istadju tal-imballaġġ, abbażi ta' pjan ta' spezzjoni li huwa mfassal bil-quddiem mill-awtorità tal-kontroll u li l-operaturi huma konxji minnu, li jkopri kull stadju tal-produzzjoni tal-prodott.

4. Il-verifikazzjoni annwali għandha tiżgura li prodott ma jistax juża d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika protetta relatata miegħu sakemm:

▼M1

(a) ir-riżultati tal-ittestjar imsemmijin fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b) u fil-paragrafu 2 jagħtu prova li l-prodott inkwistjoni jikkonforma mal-kundizzjonijiet fl-ispeċifikazzjoni u għandu l-karatteristiċi xierqa kollha tad-denominazzjoni tal-oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika kkonċernata;

▼B

(b) il-kundizzjonijiet l-oħrajn imsemmijin fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott jintlaħqu, kif jidher mill-kontrolli li saru skont il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu 3.

5. Kwalunkwe prodott li ma jilħaqx il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu jista' jitqiegħed fis-suq, imma mingħajr id-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika protetta, sakemm ir-rekwiżiti legali l-oħrajn jkunu sodisfatti

6. Fil-każ ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta transkonfinali, il-verifikazzjoni tista' ssir minn awtorità tal-kontroll jew ta' xi Stati Membru affetwat minn din id-denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika.

7. Fil-każ fejn verifikazzjoni annwali ssir fl-istadju tal-imballaġġ tal-prodott fit-territorju ta' Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru fejn saret il-produzzjoni, japplika l-Artikolu 84 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 ([1]).

8. Il-paragrafi 1 sa 7 japplikaw għall-inbejjed li juru denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika, li d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika kkonċernata tagħhom tilħaq ir-rekwiżiti kif imsemmi fl-Artikolu 38(5) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

Artikolu 26

L-ittestjar analitiku u organolettiku

L-ittestjar analitiku u organolettiku msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 skont tal-Artikolu 25(a) u (b) jikkonsisti minn:

(a) analiżi tal-inbid inkwistjoni li tkejjel il-kwalitajiet karatteristiċi li ġejjin:

(i) iddeterminati abbażi tal-analiżi fiżika u kimika:

— qawwa alkoħolika totali u attwali;

([1]) ĠU L 170, 30.6.2008, p. 1.

▼B

— zokkrijiet totali espressi f'termini ta' fruttożju u glukożju (inkluż kwalunkwe sukrożju, fil-każ ta' nbid semi-frizzanti u nbid frizzanti);

— aċidità totali;

— aċidità volubbli;

— dijossidu tal-kubrit totali.

(ii) iddeterminati abbażi ta' analiżi addizzjonali:

— id-dijossidu tal-karbonju (inbejjed semi-frizzanti u frizzanti, pressjoni żejda f'bar ta' temperatura ta' 20 °C);

— kwalunkwe kwalitajiet karatteristiċi oħrajn li hemm dispożizzjoni dwarhom fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott ta' denominazzjonijiet tal-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti kkonċernati.

(b) test organolettiku li jkopri l-apparenza viżiva, ir-riħa u t-togħma.

Artikolu 27

Kontrolli fuq prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi

Jekk l-inbejjed tal-pajjiż terz jibbenefikaw mill-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, il-pajjiż terz ikkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 48(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u dwar l-aspetti koperti mill-kontroll, kif ukoll prova li l-inbid inkwistjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika rilevanti.

TAQSIMA 7

Il-konverżjoni għal indikazzjoni ġeografika

Artikolu 28

Talba

1. Stat Membru jew awtorità ta' pajjiż terz jew applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni jista' jitlob għal konverżjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini protetta f'indikazzjoni ġeografika protetta jekk il-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' denominazzjoni tal-oriġini protetta ma għadhiex possibbli jew ma tistax tibqa' tiġi garantita.

▼M3

It-talba għandha tiġi kkomunikata skont l-Artikolu 70a(1). Id-data tat-tressiq tat-talba għall-konverżjoni lill-Kummissjoni għandha tkun id-data ta' meta t-talba tasal għand il-Kummissjoni.

▼B

2. Jekk it-talba għall-konverżjoni f'indikazzjoni ġeografika ma tilħaqx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 34 u 35 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru jew l-awtoritajiet tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni dwar ir-raġunijiet għaċ-ċaħda, u għandha tistiednu jirtira jew jemenda t-talba jew jissottometti l-kummenti f'perjodu ta' xahrejn.

▼B

3. Jekk l-ostakoli għall-konverżjoni f'indikazzjoni ġeografika ma jitranġawx mill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew mill-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni qabel ma jiskadi l-limitu taż-żmien, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta t-talba.

4. Kwalunkwe deċiżjoni li tirrifjuta it-talba għall-konverżjoni għandha tittieħed mill-Kummissjoni abbażi tad-dokumenti u l-informazzjoni disponibbli għaliha. Deċiżjoni bħal din dwar ir-rifjutar għandha tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni.

5. L-Artikoli 40 u 49(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 ma għandhomx japplikaw.

KAPITOLU III

TERMINI TRADIZZJONALI

TAQSIMA 1

L-applikazzjoni

Artikolu 29

L-applikanti

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi jew l-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu jissottomettu applikazzjoni għall-protezzjoni ta' termini tradizzjonali lill-Kummissjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

2. "*Organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva*" għandha tfisser kwalunkwe organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li addottat l-istess regoli, li topera f'żona waħda jew iktar tal-inbid speċifikata tad-denominazzjoni tal-oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika fejn fl-isħubija tagħha tinkludi mill-inqas żewġ terzi tal-produtturi fiż-żona/i tad-denominazzjoni tal-oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika speċifika li fiha/fihom topera u tkopri għal mill-inqas żewġ terzi tal-produzzjoni ta' dik iż-żona. Organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva tista' tressaq applikazzjoni għall-protezzjoni għall-inbejjed li tipproduċi hija biss.

▼M3

Artikolu 30

Talba għall-protezzjoni

1. It-talba għall-protezzjoni ta' terminu tradizzjonali għandha tiġi kkomunikata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi skont l-Artikolu 70a(1). Hija għandu jkollha magħha l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru jew ir-regoli applikabbli għall-produtturi tal-inbejjed fil-pajjiżi terzi li jirregolaw l-użu tat-terminu kkonċernat flimkien mar-referenza għal dik il-leġiżlazzjoni jew għal dawk ir-regoli.

2. Fil-każ li titressaq talba minn organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva stabbilita f'pajjiż terz, l-applikant għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar l-organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva u l-membri tagħha skont l-Artikolu 70a(1). Il-Kummissjoni għandha tqiegħed din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

▼B

Artikolu 31

Il-lingwa

1. It-terminu li se jiġi protett għandu jkun jew:

(a) bil-lingwa/i uffiċjali, bil-lingwa/i reġjonali tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz minn fejn joriġina t-terminu, jew;

(b) bil-lingwa użata fil-kummerċ għal dan it-terminu.

It-terminu użat f'ċerti lingwi għandu jirreferi għal prodotti speċifiċi msemmijin fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

2. It-terminu għandu jiġi rreġistrat bl-ortografija/i oriġinali tiegħu.

▼M2

Artikolu 32

Regoli dwar termini tradizzjonali ta' pajjiżi terzi

1. Id-definizzjoni ta' termini tradizzjonali provduti fl-Artikolu 118u(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal termini li tradizzjonalment jintużaw f'pajjiżi terzi għall-prodotti ta' nbejjed koperti minn indikazzjonijiet ġeografiċi jew ismijiet ta' oriġini taħt il-leġiżlazzjoni ta' dawk il-pajjiżi terzi.

2. Inbejjed li joriġinaw f'pajjiżi terzi li t-tikketti tagħhom juru indikazzjonijiet tradizzjonali oħra għajr it-termini tradizzjonali elenkati fil-bażi tad-dejta elettronika "E-Bacchus" jistgħu jużaw dawn l-indikazzjonijiet tradizzjonali fuq tikketti tal-inbid skont ir-regoli applikabbli fil-pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi.

▼B

TAQSIMA 2

Proċedura ta' eżaminazzjoni

▼M3

Artikolu 33

It-tressiq tat-talba

1. Id-data tat-tressiq tat-talba lill-Kummissjoni għandha tkun id-data ta' meta t-talba tasal għand il-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonferma lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew ta' pajjiżi terzi jew lill-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni li rċeviet it-talba u għandha tagħti numru tal-fajl lit-talba.

Il-konferma tar-riċevuta għandu jkollha mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) in-numru tal-fajl,

(b) it-terminu tradizzjonali,

(c) id-data tal-wasla tat-talba.

▼M3

Artikolu 34

Ammissibbiltà

1. Talba tkun ammissibbli meta l-formola tat-talba tkun imtliet kif xieraq u meta hija jkollha magħha d-dokumenti mitluba skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30. Il-formola tat-talba għandha titqies bħala mimlija kif xieraq meta jkunu mtlew ir-rubriki obbligatorji kollha meħtieġa, kif ippreżentati fis-sistemi ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 70a.

F'dan il-każ, it-talba għandha titqies bħala ammissibbli fid-data meta din tasal għand il-Kummissjoni. L-applikant għandu jkun infurmat b'dan.

Din id-data għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

2. Jekk il-formola tat-talba ma tkunx imtliet kollha jew tkun imtliet biss parzjalment jew jekk id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux intbagħtu flimkien mat-talba jew jekk ma jkunux intbagħtu xi wħud minnhom, it-talba ma tkunx ammissibbli.

3. F'każ li t-talba ma tkunx ammissibbli, l-awtoritajiet tal-Istat Membru jew dawk tal-pajjiżi terzi jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni għandhom ikunu infurmati bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' ammissibbiltà tagħha u bil-fatt li huma intitolati jressqu talba oħra mimlija kif suppost.

▼B

Artikolu 35

Il-kundizzjonijiet ta' validità

1. L-għarfien ta' terminu tradizzjonali għandu jiġi aċċettat jekk:

(a) jissodisfa d-definizzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 54(1)(a) jew (b) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament;

(b) it-terminu jikkonsisti esklussivament jew minn:

(i) isem li tradizzjonalment jintuża fil-kummerċ f'parti kbira tat-territorju tal-Komunità jew tal-pajjiż terz ikkonċernat, biex jiddistingwi kategoriji speċifiċi tal-prodotti tad-dwieli msemmijin fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, jew;

(ii) isem ta' fama li tradizzjonalment jintuża fil-kummerċ mill-inqas fit-territorju tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz ikkonċernat, biex jiddistingwi kategoriji speċifiċi tal-prodotti tad-dwieli msemmijin fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, jew;

(c) it-terminu għandu:

(i) ma jkunx ġeneriku;

(ii) ikun definit u rregolat fil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru, jew;

▼B

(iii) ikun soġġett għall-kundizzjonijiet ta' użu kif ipprovdut fir-regoli applikabbli għall-produtturi tal-inbid fil-pajjiżi terzi kkonċernati, inklużi dawk li jaslu mill-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi.

2. Għall-fini tal-paragrafu (1), il-punt (b), użu tradizzjonali jfisser:

(a) mill-inqas ħames snin fil-każ ta' termini mressqin bil-lingwa/i msemmija/in fl-Artikolu 31(a) ta' dan ir-Regolament,

(b) mill-inqas ħmistax-il sena fil-każ ta' termini mressqin bil-lingwa msemmija fl-Artikolu 31(a) ta' dan ir-Regolament,

3. Għall-finijiet tal-paragrafu (1), il-punt (c)(i), "ġeneriku" ifisser l-isem ta' terminu tradizzjonali għalkemm huwa relatat ma' metodu ta' produzzjoni jew metodu ta' maturazzjoni speċifiku, jew il-kwalità, il-kulur, it-tip ta' post, jew xi karatteristika marbuta mal-istorja tal-prodott tad-dwieli, sar l-isem komuni tal-prodott tad-dwieli inkwistjoni fil-Komunità.

4. Il-kundizzjoni elenkata fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu ma tapplikax għat-termini tradizzjonali msemmijin fl-Artikolu 54(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

Artikolu 36

Ir-raġunijiet għaċ-ċaħda

1. Jekk applikazzjoni għal terminu tradizzjonali ma tilħaqx id-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 54(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 31 u 35, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-applikant dwar ir-raġunijiet għaċ-ċaħda, tistabbilixxi data tal-għeluq ta' xahrejn mid-data tal-ħruġ ta' komunikazzjoni bħal din, għall-irtirar jew l-emendi tal-applikazzjoni jew għas-sottomissjoni tal-kummenti.

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-protezzjoni bbażata fuq l-informazzjoni disponibbli għaliha.

2. Jekk l-ostakoli ma jiġux irranġati mill-applikant fi żmien id-data tal-għeluq imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-applikazzjoni. Kwalunkwe deċiżjoni li tirrifjuta t-terminu tradizzjonali kkonċernat għandha tittieħed mill-Kummissjoni abbażi tad-dokumenti u l-informazzjoni disponibbli għaliha. Deċiżjoni bħal din dwar ċaħda għandha tiġi nnotifikata lill-applikant.

TAQSIMA 3

Il-proċeduri ta' oġġezzjoni

Artikolu 37

Sottomissjoni ta' talba ta' oġġezzjoni

1. Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni li hemm dispożizzjoni dwarha fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 33, kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz, jew kwalunkwe persuna naturali jew legali li għandha interess leġittimu, tista' toġġezzjona għall-għarfien propost billi tressaq talba ta' oġġezzjoni.

▼M3

2. L-oġġezzjoni għandha tiġi kkomunikata skont l-Artikolu 70a(1). Id-data tat-tressiq tal-oġġezzjoni lill-Kummissjoni għandha tkun id-data ta' meta l-oġġezzoni tasal għand il-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkonferma li rċeviet l-oġġezzjoni u tagħti numru tal-fajl lill-oġġezzjoni.

Il-konferma tar-riċevuta għandu jkollha mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) in-numru tal-fajl,

(b) id-data tal-wasla tal-oġġezzjoni.

▼B

Artikolu 38

L-ammissibbiltà

1. Għall-finijiet biex jiġi ddeterminat jekk oġġezzjoni hijiex ammissibbli, il-Kummissjoni għandha tivverifika li t-talba għall-oġġezzjoni ssemmi d-dritt(ijiet) preeżistenti ddikjarat(i) u r-raġuni(jiet) għall-oġġezzjoni u li tasal għand il-Kummissjoni sad-data tal-għeluq li hemm dispożizzjoni dwarha fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 37.

2. Jekk l-oġġezzjoni tkun ibbażata fuq l-eżistenza tar-reputazzjoni u r-rikonoxximent ta' marka kummerċjali preċedenti, skont l-Artikolu 41(2), it-talba ta' oġġezzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-prova tat-tressiq, ir-reġistrazzjoni jew l-użu ta' dik il-marka kummerċjali preċedenti, bħaċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni u prova tar-reputazzjoni u l-għarfien tagħha.

3. Kwalunkwe talba ta' oġġezzjoni sostanzjata b'mod xieraq għandu jkun fiha d-dettalji tal-fatti, l-evidenza u l-kummenti sottomessi b'appoġġ għall-oġġezzjoni, akkumpanjati mid-dokumenti ta' evidenza rilevanti.

L-informazzjoni u l-evidenza li għandhom jiġu ppreżentati b'appoġġ għall-użu ta' marka kummerċjali preċedenti għandhom jinkludu d-dettalji tal-post, it-tul ta' żmien, id-daqs u n-natura tal-użu tal-marka kummerċjali preċedenti, u tar-reputazzjoni u r-rikonoxximent tagħha.

4. Jekk id-dettalji tad-dritt(ijiet) preeżistenti ddikjarati, ir-raġuni(jiet), il-fatti, l-evidenza jew il-kummenti, jew id-dokumenti ta' evidenza, kif imsemmi fil-paragrafi 1 sa 3, ma ġewx ippreżentati fl-istess ħin mat-talba ta' oġġezzjoni jew hemm xi ftit neqsin, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-opponent kif meħtieġ u għandha tistiednu jirranġa n-nuqqasijiet innutati f'perjodu ta' xahrejn. Jekk in-nuqqasijiet ma jiġux irranġati qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta t-talba bħala inammissibbli. Id-deċiżjoni dwar l-inammissibbiltà għandha tiġi nnotifikata lill-persuna li toġġezzjona u lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva stabbilita fil-pajjiż terz inkwistjoni.

5. Kwalunkwe talba li titqies ammissibbli għandha tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva stabbilita fil-pajjiż terz inkwistjoni.

▼B

Artikolu 39

L-iskrutinju ta' oġġezzjoni

1. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx irrifjutat it-talba ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 38(4), għandha tikkomunika l-oġġezzjoni lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva kkonċernata stabbilita fil-pajjiż terz inkwistjoni u għandha tistidinhom biex iressqu l-osservazzjonijiet fi żmien xahrejn mid-data tal-ħruġ ta' komunikazzjoni bħal din. Kwalunkwe osservazzjonijiet irċevuti fi żmien dan il-perjodu ta' xahrejn għandhom jiġu kkomunikati lill-persuna li toġġezzjona.

Matul l-iskrutinju tagħha ta' oġġezzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-partijiet biex jekk ikun xieraq jissottomettu l-kummenti dwar il-komunikazzjonijiet irċevuti mill-partijiet l-oħrajn f'perjodu ta' xahrejn mid-data tal-ħruġ ta' talba bħal din.

2. Jekk l-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva stabbilita fil-pajjiż terz inkwistjoni jew il-persuna li toġġezzjona ma tressaq l-ebda osservazzjonijiet bi tweġiba, jew ma tirrispettax il-perjodi taż-żmien, il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-oppożizzjoni.

3. Kwalunkwe deċiżjoni li tirrifjuta jew tirrikonoxxi t-terminu tradizzjonali kkonċernat għandha tittieħed mill-Kummissjoni abbażi tal-evidenza disponibbli għaliha. Għandha tikkunsidra jekk il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 40(1), jew stabbiliti fl-Artikoli 41(3) jew 42 mhumiex qed jiġu ssodisfati. Id-deċiżjoni dwar iċ-ċaħda għandha tiġi nnotifikata lill-persuna li toġġezzjona u lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva stabbilita fil-pajjiż terz inkwistjoni.

4. Fil-każ ta' diversi talbiet ta' oġġezzjoni, wara eżami preliminari ta' talba ta' oġġezzjoni waħda bħal din jew iktar, jista' ma jkunx possibbli li l-applikazzjoni tiġi aċċettata għall-għarfien; f'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-proċeduri l-oħrajn ta' oġġezzjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-persuni l-oħrajn li joġġezzjonaw bi kwalunkwe deċiżjoni li taffetwhom li ttieħdet matul il-proċedura.

Meta tiġi rrifjutata applikazzjoni, il-proċeduri ta' oġġezzjoni li ġew sospiżi għandhom jitqiesu magħluqin u l-persuni kkonċernati li joġġezzjonaw għandhom jiġu infurmati kif xieraq.

TAQSIMA 4

Protezzjoni

▼M3

Artikolu 40

Protezzjoni ġenerali

1. F'każ li terminu tradizzjonali li għalih tkun intalbet il-protezzjoni jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 118u(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u fl-Artikoli 31 u 35 ta' dan ir-Regolament u f'każ li dan it-terminu ma jkunx irrifjutat skont l-Artikoli 36, 38 u 39 ta' dan ir-Regolament, it-terminu tradizzjonali għandu jkun elenkat u ddefinit fil-bażi tad-dejta elettronika msejħa "E-Bacchus" skont l-Artikolu 118u(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, abbażi tal-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 70a(1) ta' dan ir-Regolament, u għandhom jissemmew l-affarijiet li ġejjin:

(a) il-lingwa msemmija fl-Artikolu 31(1),

(b) il-kategorija jew il-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli kkonċernati mill-protezzjoni,

▼M3

(c) referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz li fiha huwa ddefinit u rregolat it-terminu tradizzjonali jew għar-regoli applikabbli għall-produtturi tal-inbid fil-pajjiżi terzi, inklużi dawk li ġejjin mill-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni nazzjonali f'dawk il-pajjiżi terzi,

(d) taqsira tad-definizzjoni jew tal-kundizzjonijiet tal-użu,

(e) isem il-pajjiż jew il-pajjiżi tal-oriġini,

(f) id-data tal-inklużjoni fil-bażi tad-dejta elettronika msejħa "E-Bacchus".

2. It-termini tradizzjonali elenkati fil-bażi tad-dejta elettronika msejħa "E-Bacchus" għandhom ikunu protetti biss fil-lingwa u għall-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli ddikkjarati fit-talba, minn:

(a) kwalunkwe użu ħażin, anke jekk it-terminu protett ikollu miegħu espressjoni bħal "stil", "tip", "metodu", "kif magħmul fi", "imitazzjoni", "togħma", "il-mod" jew espressjoni simili,

(b) kwalunkwe indikazzjoni oħra falza jew qarrieqa marbuta man-natura, il-karatteristiċi jew il-kwalitajiet essenzjali tal-prodott, fuq il-pakkett minn barra jew minn ġewwa, fir-riklami jew fid-dokumenti li għandhom x'jaqsmu miegħu,

(c) kwalunkwe prattika oħra li tista' tqarraq bil-konsumatur, b'mod partikulari biex tingħata l-impressjoni li l-inbid jikkwalifika għat-terminu tradizzjonali protett.

3. It-termini tradizzjonali elenkati fil-bażi tad-dejta elettronika msejħa "E-Bacchus" għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

▼B

Artikolu 41

Ir-relazzjoni mal-marki kummerċjali

▼M2

1. Meta terminu tradizzjonali jkun protett skont dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni ta' marka kummerċjali, li l-użu tagħha jmur kontra l-Artikolu 40(2), għandha tiġi valutata skont id-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 ([2]).

Il-marki kummerċjali rreġistrati bi ksur tal-ewwel subparagrafu għandhom jiġu ddikjarati invalidi mal-applikazzjoni skont il-proċeduri applikabbli kif speċifikat bid-Direttiva 2008/95/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 207/2009.

▼B

2. Marka kummerċjali, li tikkorrispondi ma' waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament, u li ġiet applikata, irreġistrata jew stabbilita bl-użu, jekk hemm dispożizzjoni dwar dik il-possibbiltà fil-leġiżlazzjoni kkonċernata, fit-territorju tal-Komunità qabel l-4 ta' Mejju 2002 jew qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tat-terminu tradizzjonali għall-Kummissjoni, tista' tkompli tintuża u tiġġedded minkejja l-protezzjoni tat-termini tradizzjonali.

([1]) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 25.
([2]) ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1.

▼B

F'każijiet bħal dan, l-użu tat-terminu tradizzjonali għandu jkun permess flimkien mal-marka kummerċjali rilevanti.

3. Isem ma għandux jiġi protett bħala terminu tradizzjonali fejn, fid-dawl tar-reputazzjoni u r-rikonoxximent ta' marka kummerċjali, protezzjoni bħal din tista' tqarraq bil-konsumatur f'dak li għandu x'jaqsam mal-identità vera, in-natura, il-karatteristiċi jew il-kwalità tal-inbid.

Artikolu 42

Omonimi

▼M2

1. Terminu, li għalih tintbagħat applikazzjoni, u jkun interament jew parzjalment omonimu ma' dak ta' terminu tradizzjonali li diġà huwa protett taħt dan il-Kapitolu, għandu jiġi protett b'kunsiderazzjoni xierqa tal-użu lokali u tradizzjonali u r-riskju ta' konfużjoni.

Terminu omonimu li jqarraq bil-konsumaturi f'dak li għandu x'jaqsam man-natura, il-kwalità jew l-oriġini vera tal-prodotti ma għandux jiġi rreġistrat, anke jekk dan it-terminu huwa preċiż.

▼M3

M'għandux jitħalla jintuża terminu omonimu protett sakemm dan it-terminu omonimu protett sussegwentement ma jkunx distint biżżejjed fil-prattika mit-terminu tradizzjonali elenkat fil-bażi tad-dejta elettronika msejħa "E-Bacchus", filwaqt li titqies il-ħtieġa li l-produtturi kkonċernati jiġu ttrattati b'mod ekwu u li l-konsumatur ma jiġix imqarraq.

▼B

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika mutatis mutandis għal termini tradizzjonali protetti qabel l-1 ta' Awwissu 2009, li huma parzjalment omonimi ma' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta jew isem ta' varjetà ta' għeneb tal-inbid jew is-sinonimu tiegħu elenkat fl-Anness XV.

▼M2

Artikolu 42a

Modifika

Applikant kif imsemmi fl-Artikolu 29 jista' japplika għal approvazzjoni ta' modifika ta' terminu tradizzjonali, il-lingwa indikata, l-inbid jew l-inbejjed ikkonċernati jew it-taqsira tad-definizzjoni jew kondizzjonijiet tal-użu tat-terminu tradizzjonali kkonċernat.

L-Artikoli 33 sa 39 japplikaw *mutatis mutandis* għall-applikazzjonijiet għal modifika.

▼B

Artikolu 43

Infurzar tal-protezzjoni

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, f'każ ta' użu illegali ta' termini tradizzjonali protetti, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba ta' parti, jieħdu l-miżuri kollha biex iwaqqfu l-kummerċjalizzazzjoni, inkluż kwalunkwe esportazzjoni, tal-prodotti kkonċernati.

▼B

TAQSIMA 5

Il-proċedura ta' kanċellazzjoni

Artikolu 44

Ir-raġunijiet għall-kanċellazzjoni

Ir-raġunijiet għall-kanċellazzjoni ta' terminu tradizzjonali għandhom ikunu li t-terminu ma għadux jilħaq id-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 54(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jew ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 31, 35, 40(2), 41(3) jew 42.

▼M3

Artikolu 45

Tressiq ta' talba għall-kanċellazzjoni

1. Talba għall-kanċellazzjoni ġġustifikata kif xieraq tista' tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni minn Stat Membru, minn pajjiż terz jew minn persuna fiżika jew ġuridika li għandha interess leġittimu li tagħmel dan skont l-Artikolu 70a(1). Id-data tat-tressiq tat-talba lill-Kummissjoni għandha tkun id-data ta' meta t-talba tasal għand il-Kummissjoni. Din id-data għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonferma li rċeviet t-talba u tagħti numru tal-fajl lit-talba.

Il-konferma tar-riċevuta għandu jkollha mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) in-numru tal-fajl,

(b) id-data tal-wasla tat-talba.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx meta l-kanċellazzjoni tinbeda mill-Kummissjoni.

▼B

Artikolu 46

L-ammissibbiltà

1. Għall-finijiet biex jiġi ddeterminat jekk talba għall-kanċellazzjoni hijiex ammissibbli, il-Kummissjoni għandha tivverifika li t-talba:

(a) issemmi l-interess leġittimu tal-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni;

(b) ir-raġuni(jiet) għall-kanċellazzjoni; u

(c) tirreferi għal stqarrija mill-Istat Membru jew pajjiż terz fejn tinsab ir-residenza jew l-uffiċċju reġistrat tal-awtur tat-talba li tispjega l-interess, ir-raġunijiet u l-ġustifikazzjoni leġittima tal-awtur tal-kanċellazzjoni.

2. Kwalunkwe talba għall-kanċellazzjoni għandu jkun fiha d-dettalji tal-fatti, l-evidenza u l-kummenti sottomessi b'appoġġ għall-kanċellazzjoni, akkumpanjati mid-dokumenti ta' evidenza rilevanti.

▼B

3. Jekk l-informazzjoni dettaljata dwar ir-raġunijiet, il-fatti, l-evidenza u l-kummenti, kif ukoll id-dokumenti ta' evidenza msemmijin fil-paragrafi 1 u 2, ma ġewx ippreżentati fl-istess ħin mat-talba għall-kanċellazzjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni kif meħtieġ u għandha tistiednu jirranġa n-nuqqasijiet innutati f'perjodu ta' xahrejn. Jekk in-nuqqasijiet ma jiġux irranġati qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta t-talba bħala inammissibbli. Id-deċiżjoni dwar l-inammissibbiltà għandha tiġi nnotifikata lill-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni u lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni.

4. Kwalunkwe talba għall-kanċellazzjoni li titqies ammissibbli, inkluż proċedura ta' kanċellazzjoni b'inizjattiva tal-Kummissjoni stess, għandha tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-awtur tat-talba stabbilit fil-pajjiż terz li t-terminu tradizzjonali tiegħu huwa affetwat mill-kanċellazzjoni.

Artikolu 47

L-iskrutinju ta' kanċellazzjoni

1. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx irrifjutat it-talba għall-kanċellazzjoni skont l-Artikolu 46(3), għandha tikkomunika t-talba għall-kanċellazzjoni lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni u għandha tistiednu jressaq l-osservazzjonijiet fi żmien xahrejn mid-data tal-ħruġ ta' komunikazzjoni bħal din. Kwalunkwe osservazzjonijiet irċevuti fi żmien dan il-perjodu ta' xahrejn għandhom jiġu kkomunikati lill-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni.

Matul l-iskrutinju ta' kanċellazzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-partijiet biex jekk ikun xieraq jissottomettu l-kummenti dwar il-komunikazzjonijiet irċevuti mill-partijiet l-oħrajn f'perjodu ta' xahrejn mid-data tal-ħruġ ta' talba bħal din.

2. Jekk l-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew l-applikant stabbilit fil-pajjiż terz inkwistjoni jew l-awtur ta' talba għall-kanċellazzjoni ma jressaq l-ebda osservazzjonijiet bi tweġiba, jew ma jirrispettax il-perjodi taż-żmien, il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-kanċellazzjoni.

3. Kwalunkwe deċiżjoni li tħassar it-terminu tradizzjonali kkonċernat għandha tittieħed mill-Kummissjoni abbażi tal-evidenza disponibbli għaliha. Għandha tikkunsidra jekk il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 44 m'għadhomx jiġu ssodisfati.

Deċiżjoni bħal din dwar il-kanċellazzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-awtur tat-talba għall-kanċellazzjoni u lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz inkwistjoni.

4. Fil-każ ta' diversi talbiet għall-kanċellazzjoni, wara eżami preliminari ta' talba għall-kanċellazzjoni waħda bħal din jew iktar, jista' ma jkunx possibbli li jiġi aċċettat li jitkompla jiġi protett terminu tradizzjonali, f'liema każ il-Kummissjoni tista' tissospendi l-proċeduri ta' kanċellazzjoni l-oħrajn. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awturi l-oħrajn tat-talba għall-kanċellazzjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni li taffetwhom li ttieħdet matul il-proċedura.

▼B

Meta jitħassar terminu tradizzjonali, il-proċeduri ta' kanċellazzjoni li ġew sospiżi għandhom jitqiesu magħluqin u l-awturi kkonċernati tat-talba għall-kanċellazzjoni għandhom jiġu infurmati kif xieraq.

▼M3

5. Meta kanċellazzjoni tidħol fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha tneħħi d-denominazzjoni kkonċernata mil-lista li tinsab fil-bażi tad-dejta elettronika msejħa "E-Bacchus".

▼B

TAQSIMA 6

Termini tradizzjonali protetti eżistenti

Artikolu 48

Termini tradizzjonali protetti eżistenti

Termini tradizzjonali li huma protetti skont l-Artikoli 24, 28 u 29 tar-Regolament (KE) Nru 753/2002 għandhom jiġu protetti awtomatikament skont dan ir-Regolament, sakemm:

(a) sal-1 ta' Mejju 2009 jkun ġie sottomess lill-Kummissjoni sommarju tad-definizzjoni jew tal-kundizzjonijiet tal-użu;

(b) l-Istati Membri jew il-pajjiżi terzi ma waqfux jipproteġu ċerti termini tradizzjonali.

KAPITOLU IV

TIKKETTAR U PREŻENTAZZJONI

Artikolu 49

Regoli komuni għad-dettalji kollha tat-tikkettar

Ħlief fejn dan ir-Regolament jipprovdi mod ieħor, it-tikkettar tal-prodotti msemmijin fil-paragrafi 1 sa 11, 13, 15 u 16 tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 479/2008 (minn issa 'l quddiem "prodotti") ma jistax jiġu miżjud bi kwalunkwe dettalji oħra minbarra dawk li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Artikolu 58 u dawk irregolati fl-Artikolu 59(1) u 60(1) ta' dak ir-Regolament, sakemm ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2000/13/KE.

TAQSIMA 1

Dettalji obbligatorji

Artikolu 50

Preżentazzjoni tad-dettalji obbligatorji

1. Id-dettalji obbligatorji msemmijin fl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 kif ukoll dawk elenkati fl-Artikolu 59 tiegħu għandhom jidhru fl-istess kamp viżiv fuq il-kontenitur, b'tali mod li jkunu jistgħu jinqraw fl-istess waqt mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiddawwar il-kontenitur.

▼B

Madankollu, id-dettalji obbligatorji tan-numru tal-lott u dawk imsemmijin fl-Artikoli 51 u 56(4) ta' dan ir-Regolament jistgħu jidhru 'l barra miż-żona viżiva li fiha jidhru d-dettalji obbligatorji l-oħra.

2. Id-dettalji obbligatorji msemmijin fil-paragrafu 1 u dawk applikabbli permezz tal-istrumenti legali msemmijin fl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom jiġu ppreżentati f'karattri li ma jitħassrux u għandhom ikunu jispikkaw mit-test jew mill-grafika ta' madwarhom b'mod ċar.

▼M5

Artikolu 51

Applikazzjoni ta' ċerti regoli orizzontali

1. Għall-finijiet tal-indikazzjoni tal-ingredjenti previsti fl-Artikolu 6(3a) tad-Direttiva 2000/13/KE, it-termini li jikkonċernaw is-sulfiti, il-ħalib u l-prodotti bbażati fuq il-ħalib u l-bajd u l-prodotti bbażati fuq il-bajd, u li għandhom jintużaw, huma dawk li jidhru fl-Anness X, il-Parti A.

2. Skont il-każ, it-termini msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu akkumpanjati minn waħda mill-piktogrammi li jidhru fl-Anness X, il-Parti B.

▼B

Artikolu 52

Kummerċjalizzazzjoni u esportazzjoni

1. Prodotti li t-tikketta jew il-preżentazzjoni tagħhom ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet korrispondenti kif stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jistgħux jiġu kkumerċjalizzati fil-Komunità jew esportati.

2. Permezz tad-deroga mill-Kapitoli V u VI tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, meta l-prodotti kkonċernati jkunu se jiġu esportati, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li d-dettalji, li ma jaqblux mar-regoli tat-tikkettar kif ipprovdut fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità, jidhru fuq it-tikketta tal-inbejjed għall-esportazzjoni, meta jkunu meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat. Dawn id-dettalji jistgħu jidhru wkoll b'lingwi oħra li mhumiex il-lingwi uffiċjali tal-Komunità.

Artikolu 53

Projbizzjoni ta' kapsuli jew fojl ibbażati fuq iċ-ċomb

Il-mezzi tal-għeluq għall-prodotti kif imsemmi fl-Artikolu 49 ma għandhomx jinħarġu f'kapsuli jew f'fojl ibbażati fuq iċ-ċomb.

Artikolu 54

Qawwa alkoħolika attwali

1. Il-qawwa alkoħolika attwali bil-volum imsemmi fl-Artikolu 59(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandha tiġi indikata f'unitajiet ta' perċentwali jew f'nofs unitajiet.

Il-figura għandha tkun segwita b'"% vol"u qabilha jista' jkollha "*qawwa alkoħolika attwali*", "*alkoħol attwali*" jew "*alk*".

▼B

Mingħajr preġudizzju għat-tolleranzi stabbiliti għall-metodu tal-analiżi ta' referenza użat, il-qawwa murija ma jridx ikun fiha differenza ta' iktar minn 0,5 % vol minn dak mogħti fl-analiżi. Madankollu, il-qawwa alkoħolika ta' prodotti b'denominazzjonijiet tal-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti maħżuna fi fliexken għal iktar minn tliet snin, inbejjed frizzanti, inbejjed frizzanti ta' kwalità, inbejjed frizzanti bil-gass, inbejjed semi-frizzanti, inbejjed semi-frizzanti bil-gass, inbejjed likuri u nbejjed minn għeneb misjur iżżejjed, mingħajr preġudizzju għat-tolleranzi stabbiliti għall-metodu tal-analiżi ta' riferenza użat, ma jridx ikun fiha differenza ta' iktar minn 0,8 % vol minn dak mogħti mill-analiżi.

2. Il-qawwa alkoħolika attwali għandha tidher fuq it-tikketta b'karattri ta' mill-anqas 5 mm għoljin jekk il-volum nominali huwa iktar minn 100 ċl, mill-inqas 3 mm għoljin jekk huwa daqs jew inqas minn 100 ċl imma iktar minn 20 ċl u 2 mm għoljin jekk huwa 20 ċl jew inqas.

▼M2

3. F'każ ta' most mill-għeneb parzjalment iffermentat jew inbid ġdid li għadu qed jiffermenta, il-kontenut alkoħoliku attwali u/jew totali skont il-volum għandu jidher fuq it-tikketta. Meta fuq it-tikketta jidher il-kontenut alkoħoliku totali skont il-volum, il-figuri għandhom jiġu segwiti minn "% vol" u jistgħu jkunu preċeduti bil-kliem "kontenut alkoħoliku totali" jew "alkoħol totali".

▼B

Artikolu 55

Indikazzjoni tal-provenjenza

1. L-indikazzjoni tal-provenjenza kif imsemmi fl-Artikolu 59(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandha tkun indikata kif ġej:

(a) għall-inbejjed imsemmijin fil-paragrafi 1, 2, 3, 7 sa 9, 15 u 16 tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 479/2008, mingħajr denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, waħda minn dawn li ġejjin:

(i) il-kliem "*inbid ta*" (…), "*magħmul fi* (…)" jew "*prodott ta*" (…), jew espress b'termini ekwivalenti, miżjud bl-isem tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz fejn jinqata' l-għeneb u jinbidel f'inbid f'dak it-territorju;

Fil-każ ta' nbid transkonfinali magħmul minn ċerti varjetajiet ta' għeneb tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 60(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, jista' jissemma biss l-isem ta' Stat Membru wieħed jew iktar u l-isem tal-pajjiż(i) terz(i).

(ii) jew il-kliem "*inbid tal-Komunità Ewropea*", jew espress f'termini ekwivalenti, jew "*taħlita ta' nbejjed minn pajjiżi differenti tal-Komunità Ewropea*" fil-każ ta' nbid magħmul minn taħlit ta' nbejjed li joriġinaw f'għadd ta' Stati Membri, jew

▼B

il-kliem "*taħlita ta' nbejjed minn pajjiżi differenti barra mill-Komunità Ewropea*" jew "*taħlita minn …*" li jsemmi l-isminijet tal-pajjiżi terzi inkwistjoni, fil-każ ta' nbid magħmul minn taħlit ta' nbejjed li joriġinaw f'għadd ta' pajjiżi terzi;

(iii) jew il-kliem "*inbid tal-Komunità Ewropea*", jew espress f'termini ekwivalenti, jew "*inbid miksub fi (...) minn għeneb maqtugħ* (…)", miżjud bl-ismijiet tal-Istati Membri kkonċernati fil-każ tal-inbejjed magħmulin fi Stat Membru minn għeneb maqtugħ fi Stat Membru ieħor; jew

il-kliem "*inbid miksub fi ... minn għeneb maqtugħ fi …*", li jsemmi l-ismijiet tal-pajjiżi terzi inkwistjoni, għall-inbejjed magħmulin f'pajjiż terz minn għeneb maqtugħ f'pajjiż terz ieħor.

(b) għall-inbejjed imsemmijin fil-paragrafi 4, 5 u 6 tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 479/2008, mingħajr denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, waħda minn dawn li ġejjin:

(i) il-kliem "*inbid ta* (…)", "*magħmul fi* (…)", jew "*prodott ta* (…)", jew "*sekt ta*" (…), jew espress b'termini ekwivalenti, miżjud bl-isem tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz fejn jinqata' l-għeneb u jinbidel f'inbid f'dak it-territorju;

(ii) il-kliem "*magħmul fi* (…)", jew espress b'termini ekwivalenti, miżjud bl-isem tal-Istat Membru fejn issir it-tieni fermentazzjoni.

(c) għall-inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, il-kliem "*inbid ta* (…)", "*magħmul fi* (…)" jew "*prodott ta* (…)", jew espress b'termini ekwivalenti, miżjud bl-isem tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz fejn jinqata' l-għeneb u jinbidel f'inbid f'dak it-territorju.

Fil-każ ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika transkonfinali, għandu jissemma biss l-isem ta' Stat Membru wieħed jew iktar u l-isem tal-pajjiż(i) terz(i).

Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 56 u 67.

2. L-indikazzjoni tal-provenjenza kif imsemmi fl-Artikolu 59(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, fuq it-tikketti tal-most tal-għeneb, il-most fil-fermentazzjoni, il-most ikkonċentrat jew l-inbid ġdid li għadu qed jiffermenta għandha tiġi indikata kif ġej:

(a) "*most ta*' (…)" jew "*most magħmul fi* (…)" jew espress b'termini ekwivalenti, miżjud bl-isem tal-Istat Membru, pajjiż individwali li jagħmel parti mill-Istat Membru fejn jiġi magħmul il-prodott;

▼B

(b) "*taħlita magħmula mill-prodott ta' żewġ pajjiżi tal-Komunità Ewropea jew iktar*" fil-każ ta' taħlit (coupage) ta' prodotti magħmulin f'żewġ Stati Membri jew iktar;

(c) "*most miksub fi (...) mill-għeneb maqtugħ fi* (…)" fil-każ ta' most tal-għeneb li ma sarx fl-Istat Membru fejn inqata' l-għeneb użat.

3. Fil-każ tar-Renju Unit, l-isem tal-Istat Membru jista' jiġi sostitwit bl-isem ta' pajjiż individwali li jagħmel parti mir-Renju Unit.

Artikolu 56

Indikazzjoni tal-bottiljatur, il-produttur, l-importatur u l-bejjiegħ

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 59(1)(e) u (f) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u ta' dan l-Artikolu:

▼M1

(a) "*bottiljatur*" ifisser persuna naturali jew legali jew grupp ta' persuni bħal dawn stabbiliti fl-Unjoni Ewropea u li jwettqu bottiljar jew li l-bottiljar ikun qiegħed jitwettaq f'isimhom;

▼B

(b) "*bottiljar*" tfisser it-tqiegħed tal-prodott ikkonċernat f'kontenituri ta' kapaċità li *ma* taqbiżx is-60 litru għall-bejgħ sussegwenti;

(c) "*produttur*" tfisser persuna naturali jew legali jew grupp ta' persuni bħal dawn li jipproċessaw jew jiġi pproċessat f'isimhom l-għeneb, il-most tal-għeneb u l-inbid f'inbejjed frizzanti, inbid frizzanti bil-gass, inbid frizzanti ta' kwalità jew inbejjed frizzanti aromatiċi ta' kwalità;

(d) "*importatur*" tfisser persuna naturali jew legali jew grupp ta' persuni bħal dawn stabbilit fil-Komunità li jassumu r-responsabbiltà biex idaħħlu fiċ-ċirkolazzjoni oġġetti mhux tal-Komunità fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 4(8) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([1]);

(e) "*bejjiegħ*" tfisser persuna naturali jew legali jew grupp ta' persuni bħal dawn, mhux koperti bid-definizzjoni ta' produttur, li jixtru u mbagħad idaħħlu fiċ-ċirkolazzjoni nbejjed, inbejjed frizzanti bil-gass, inbid frizzanti ta' kwalità jew inbejjed frizzanti aromatiċi ta' kwalità;

▼M1

(f) "*indirizz*" tfisser l-indikazzjonijiet taż-żona amministrattiva lokali u l-Istat Membru jew pajjiż terz fejn jinsab l-uffiċċju ewlieni tal-bottiljatur, tal-produttur, tal-bejjiegħ jew tal-importatur.

▼B

2. L-isem u l-indirizz tal-bottiljatur għandhom jiġu miżjuda jew,

(a) bil-kliem "*bottiljatur*" jew "*ibbottiljat minn* (…)" jew

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

▼B

(b) bit-termini, li l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom huma definiti mill-Istati Membri, fejn isir l-ibbottiljar tal-inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta:

(i) fuq l-impriża tal-produttur, jew;

(ii) fl-istabbiliment ta' gruppp ta' produtturi, jew;

(iii) f'impriża li tinsab fiż-żona ġeografika demarkata jew qrib ħafna taż-żona ġeografika demarkata kkonċernata.

Fil-każ ta' bbottiljar bil-kuntratt, l-indikazzjoni tal-bottiljatur għandha tkun miżjuda bil-kliem "*ibbottiljat għal* (…)" jew, meta l-isem, l-indirizz tal-persuna li wettqet l-ibbottiljar ikunu għan-nom ta' parti terza, huma indikati bil-kliem "*ibbottiljat għal (...) minn* (…)".

Meta l-ibbottiljar isir f'post differenti minn dak tal-bottiljatur, id-dettalji msemmijin f'dan il-paragrafu għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza għall-post eżatt fejn sar l-operat u, jekk sar fi Stat Membru ieħor, l-isem ta' dak l-Istat. ►**M2** Dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx meta l-ibbottiljar isir f'post fil-viċin immedjat tal-bottiljatur. ◄

Fil-każ ta' kontenituri differenti mill-fliexken, il-kliem "*imballatur*" jew "*imballat minn* (…)" għandu jissostitwixxi l-kliem "*bottiljatur*" u "*bbottiljat minn* (…)" rispettivament, minbarra meta l-lingwa użata ma tindikax minnha nfisha din id-differenza.

3. ►**M2** L-isem u l-indirizz tal-produttur jew tal-bejjiegħ għandu jiżdied bil-kliem "*produttur*" jew "*magħmul minn*" u "bejjiegħ" jew "*mibjugħ minn*", jew ekwivalenti.

L-Istati Membru jistgħu jiddeċiedu li:

(a) l-indikazzjoni tal-produttur għandha tkun obbligatorja; ◄

▼M6

(b) li jawtorizzaw is-sostituzzjoni tal-kliem "produttur" jew "magħmul minn" bil-kliem elenkat fl-Anness Xa ta' dan ir-Regolament.

▼B

4. L-*isem* u l-indirizz tal-importatur għandu jkollhom qabilhom il-kliem "*importatur*" jew "*importat minn* (…)".

5. L-indikazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2, 3 u 4 jistgħu jingħabru flimkien, jekk jikkonċernaw l-istess persuna naturali jew legali.

Waħda minn dawn l-indikazzjonijiet tista' tiġi sostitwita b'kodiċi ddeterminat mill-Istat Membru fejn għandu l-uffiċċju ewlieni tiegħu l-bottiljatur, il-produttur, l-importatur jew il-bejjiegħ. Il-kodiċi għandu jiġi miżjud b'referenza għall-Istat Membru inkwistjoni. L-isem u l-indirizz ta' persuna naturali jew legali oħra, involuta fid-distribuzzjoni kummerċjali, minbarra l-bottiljatur, il-produttur, l-importatur jew il-bejjiegħ indikati b'kodiċi għandhom jidhru wkoll fuq it-tikketta tal-inbid tal-prodott ikkonċernat.

▼B

6. Meta l-isem jew l-indirizz tal-bottiljatur, tal-produttur, tal-importatur jew tal-bejjiegħ jikkonsisti minn jew ikun fih denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, għandha tidher fuq it-tabella:

(a) b'karattri li mhumiex iktar min-nofs id-daqs ta' dawk użati jew għad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika protetta jew għad-denominazzjoni tal-kategorija tal-prodott tad-dwieli kkonċernat, jew;

(b) billi jintuża kodiċi kif ipprovdut fil-paragrafu 5, it-tieni subparagrafu.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu liema għażla tapplika għall-prodotti li jsiru fit-territorji tagħhom.

Artikolu 57

Indikazzjoni tal-impriża

1. It-termini li jirreferu għall-impriża elenkata fl-Anness XIII, minbarra l-indikazzjoni tal-isem tal-bottiljatur, il-produttur jew il-bejjiegħ, għandhom jiġu reveduti għall-inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta sakemm:

(a) l-inbid isir esklussivament minn għeneb maqtugħ minn vinji sfruttati minn dik l-impriża;

(b) il-produzzjoni tal-inbid issir kompletament fl-impriża;

(c) l-Istati Membri jirregolaw l-użu tat-termini rispettivi tagħhom elenkati fl-Anness XIII. Il-pajjiżi terzi jistabbilixxu r-regoli dwar l-użu applikabbli għat-termini rispettivi tagħhom elenkati fl-Anness XIII, inkluż dawk li jaslu mill-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi.

2. L-isem ta' impriża jista' jintuża minn operaturi oħrajn involuti fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott biss meta l-impriża inkwistjoni taqbel dwar dak l-użu.

Artikolu 58

Indikazzjoni tal-kontenut taz-zokkor

1. It-termini elenkati fil-Parti A tal-Anness XIV għal dan ir-Regolament, li jindikaw il-kontenut taz-zokkor, għandhom jidhru fuq it-tikketta tal-prodotti li hemm dispożizzjoni għalihom fl-Artikolu 59(1)(g) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

2. Jekk il-kontenut taz-zokkor tal-prodotti, espress f'termini ta' fruttożju u glukożju (inkluż kwalunkwe sukrożju), jiġġustifika l-użu ta' tnejn mit-termini elenkati fil-Parti A tal-Anness XIV, terminu wieħed biss minn dawk it-tnejn għandu jingħażel.

3. Mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet tal-użu deskritti fil-Parti A tal-Anness XIV, il-kontenut taz-zokkor ma jridx ikun fih differenza ta' iktar minn 3 grammi f'kull litru minn dak li jidher fuq it-tikketta tal-prodott.

▼B

Artikolu 59

Id-derogi

Skont l-Artikolu 59(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, it-termini "*denominazzjoni tal-oriġini protetta*" jistgħu jitneħħew għall-inbejjed li juru d-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti li ġejjin, sakemm din il-possibbiltà tkun irregolata fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri jew fir-regoli applikabbli fil-pajjiż terz ikkonċernat, inklużi dawk li jaslu mill-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi.

(a) Ċipru:	Κουμανδαρία (Commandaria);
(b) Il-Greċja:	Σάμος (Samos);
(c) Spanja:	Cava, Jerez, Xérès jew Sherry, Manzanilla;
(d) Franza:	Champagne;
(e) L-Italja:	Asti, Marsala, Franciacorta;
(f) Il-Portugall:	Madeira jew Madère, Port jew Porto.

Artikolu 60

Regoli speċifiċi għall-inbid frizzanti bil-gass, inbid semi-frizzanti bil-gass u nbid frizzanti ta' kwalità

1. It-termini "*nbid frizzanti bil-gass*" u "*nbid semi-frizzanti bil-gass*", kif imsemmi fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 479/2008, għandhom jiġu miżjuda b'karattri tal-istess tipa u daqs bil-kliem "*miksub biż-żieda tad-dijossidu tal-karbonju*" jew "*miksub biż-żieda tal-anidridu tal-karbonju*", minbarra meta l-lingwa użata tindika minnha nfisha li ġie miżjud id-dijossidu tal-karbonju.

Il-kliem "*miksub biż-żieda tad-dijossidu tal-karbonju*" jew "*miksub biż-żieda tal-anidridu tal-karbonju*" għandu jkun indikat anke fejn japplika l-Artikolu 59(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

2. Għall-inbejjed frizzanti ta' kwalità, ir-referenza tal-kategorija tal-prodott tad-dwieli tista' titneħħa għall-inbejjed li t-tabelli tagħhom jinkludu t-terminu "*Sekt*".

TAQSIMA 2

Dettalji fakultattivi

Artikolu 61

Il-vendemmja

1. Il-vendemmja imsemmija fl-Artikolu 60(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 tista' tidher fuq it-tikketti tal-prodotti kif imsemmi fl-Artikolu 49 sakemm mill-inqas 85 % tal-għeneb użat biex isir il-prodott inqata' fis-sena inkwistjoni. Dan ma jinkludix:

(a) kwalunkwe kwantità ta' prodotti użati għall-ħlewwa, "*dożaġġ (expedition liqueur)*" jew "*likur tirage*", jew;

▼B

(b) kwalunkwe kwantità ta' prodott kif imsemmi fl-Anness IV(3)(e) u (f) għar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

2. Għall-prodotti li tradizzjonalment isiru mill-għeneb maqtugħ f'Jannar jew fi Frar, il-vendemmja li tidher fuq it-tikketta tal-inbejjed għandha tkun dik tas-sena kalendarja ta' qabel.

3. Prodotti mingħajr denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 63.

Artikolu 62

Isem il-varjetà ta' għeneb tal-inbid

1. L-ismijiet tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid jew is-sinonimi tagħhom imsemmijin fl-Artikolu 60(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 użati għall-produzzjoni ta' prodotti kif imsemmi fl-Artikolu 49 ta' dan ir-Regolament jistgħu jidhru fuq it-tikketti tal-prodotti kkonċernati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' dan l-Artikolu.

(a) Għall-inbejjed li jsiru fil-Komunità Ewropea, l-ismijiet tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid jew is-sinonimi tagħhom għandhom jissemmew fil-klassifikazzjoni tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

Għall-Istati Membri eżentati mill-obbligu tal-klassifikazzjoni li hemm dispożizzjoni dwaru fl-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, l-ismijiet tal-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid jew is-sinonimi tagħhom għandhom jissemmew fil-"Lista internazzjonali tal-varjetajiet tad-dwieli u s-sinonimu tagħhom" mmexxija mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV).

(b) Għall-inbejjed li joriġinaw f'pajjiżi terzi, il-kundizzjonijiet tal-użu tal-ismijiet tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid jew is-sinonimi tagħhom għandhom jikkonformaw mar-regoli applikabbli għall-produtturi tal-inbid fil-pajjiż terz ikkonċernat, inkluż dawk li jaslu mill-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi u l-ismijiet tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid jew is-sinonimi tagħhom huma msemmijin f'mill-inqas waħda mil-listi li ġejjin:

(i) l-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV);

(ii) l-Unjoni għall-Ħarsien tal-Varjetajiet tal-Pjanti (UPOV);

(iii) il-Bord Internazzjonali għar-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti (IBPGR).

(c) Għal prodotti b'denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta jew b'indikazzjoni ġeografika ta' pajjiż terz, l-ismijiet tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid jew is-sinonimi tagħhom jistgħu jissemmew:

(i) jekk tissemma varjetà waħda biss ta' għeneb tal-inbid jew is-sinonimu tagħha, mill-inqas 85 % tal-prodotti jkunu saru minn dik il-varjetà, mhux inkluż:

— kwalunkwe kwantità ta' prodotti użati għall-ħlewwa, "*dożaġġ (expedition liqueur)*" jew "*likur tirage*", jew;

— kwalunkwe kwantità ta' prodott kif imsemmi fl-Anness IV(3)(e) u (f) għar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

▼B

(ii) jekk jissemmew żewġ varjetajiet ta’ għeneb tal-inbid jew is-sinonimi tagħhom jew iktar, 100 % tal-prodotti kkonċernati jkunu saru minn dawk il-varjetajiet, mhux inkluż:

— kwalunkwe kwantità ta’ prodotti użati għall-ħlewwa, “*dożaġġ (expedition liqueur)*” jew “*likur tirage*”, jew;

— kwalunkwe kwantità ta’ prodott kif imsemmi fl-Anness IV(3)(e) u (f) għar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

Fil-każ imsemmi fil-punt (ii), il-varjetajiet ta’ għeneb tal-inbid għandhom jidhru f'ordni dixxendenti tal-proporzjon użat u f'karattri tal-istess daqs.

(d) Għal prodotti mingħajr denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, l-ismijiet tal-varjetajiet ta’ għeneb tal-inbid jew is-sinonimi tagħhom jistgħu jissemmew sakemm ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) jew (b), u (c) tal-paragrafu 1 u fl-Artikolu 63 jiġu ssodisfati.

2. Fil-każ ta' nbejjed frizzanti u nbejjed frizzanti ta' kwalità, l-ismijiet tal-varjetà ta’ għeneb tal-inbid użati biex iżidu d-deskrizzjoni tal-prodott, primarjament “*pinot blanc*”, “*pinot noir*”, “*pinot meunier*” jew “*pinot gris*” u l-ismijiet ekwivalenti fil-lingwi l-oħrajn tal-Komunità, jistgħu jiġu sostitwiti permezz tas-sinonimu “*pinot*”.

3. Permezz tad-deroga mill-Artikolu 42(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, l-ismijiet tal-varjetà ta’ għeneb tal-inbid użati u s-sinonimi tagħhom elenkati fil-Parti A tal-Anness XV għal dan ir-Regolament, li jikkonsistu minn jew fihom denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta jistgħu jidhru biss fuq it-tikketta ta' prodott b’denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta jew b’indikazzjoni ġeografika ta’ pajjiż terz jekk kienu awtorizzati skont ir-regolamenti tal-Komunità fis-seħħ fil-11 ta' Mejju 2002 jew fid-data tal-adeżjoni tal-Istati Membri, liema minnhom tiġi l-aħħar.

4. L-ismijiet tal-varjetà ta’ għeneb tal-inbid u s-sinonimi tagħhom elenkati fil-Parti B tal-Anness XV għal dan ir-Regolament, li parzjalment fihom denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta u jirreferu direttament għall-element ġeografiku tad-denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta inkwistjoni, jistgħu jidhru biss fuq it-tikketta ta’ prodott b’denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta jew b’indikazzjoni ġeografika ta’ pajjiż terz.

Artikolu 63

Regoli speċifiċi dwar il-varjetajiet ta’ għeneb tal-inbid u l-vendemmji għal inbejjed mingħajr denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta.

▼M3

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni kif ipprovdut fl-Artikolu 118z(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

▼M3

Kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja qabel l-1 ta' Ottubru 2011, kif ukoll il-modifiki eventwali tagħha, skont l-Artikolu 70a(1) ta' dan ir-Regolament:

(a) l-isem, l-indirizz u l-punti ta' kuntatt, inklużi l-indirizzi tal-posta elettronika, tal-awtorità jew l-awtoritajiet responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu,

(b) jekk ikun il-każ, l-isem, l-indirizz u l-punti ta' kuntatt, inklużi l-indirizzi tal-posta elettronika, tal-entitajiet kollha awtorizzati minn awtorità kompetenti biex japplikaw dan l-Artikolu,

(c) il-miżuri li ttieħdu biex jiġi implimentat dan l-Artikolu, fejn dawn id-dispożizzjonijiet ikunu ta' interess speċifiku għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri msemmija fir-Regolament (KE) Nru 555/2008,

(d) il-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid ikkonċernati mill-applikazzjoni tal-Artikoli 118z(2) u 120a tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornata lista li fiha tiġbor l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti u tal-korpi awtorizzati, kif ukoll il-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid awtorizzati, abbażi tal-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-pubbliku b'din il-lista.

▼B

2. Iċ-ċertifikazzjoni tal-inbid, fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, inkluż matul l-ipproċessar tal-inbid, għandha tiġi żgurata jew permezz ta':

(a) l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti msemmijin fil-paragrafu 1; jew,

(b) korp ta' kontroll wieħed jew iktar fis-sens tal-punt 5 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 li jopera bħala korp li jiċċertifika l-prodotti skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

L-awtorità jew l-awtoritajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom joffru garanziji adegwati ta' oġġettività u imparzjalità, u jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-persunal kwalifikat u r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu x-xogħol tagħhom.

L-entitajiet li jiċċertifikaw imsemmijin fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandhom jikkonformaw ma', u mill-1 ta' Mejju 2010 għandhom ikunu akkreditati skont l-istandard Ewropew EN 45011 jew ISO/IEC Gwida 65 (Rekwiżiti ġenerali għal entitajiet li joperaw sistemi ta' ċertifikazzjoni ta' prodott).

▼M1

L-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni għandhom jiġġarrbu mill-operaturi li jkunu soġġetti għalihom, ħlief meta l-Istati Membri jiddeċiedu mod ieħor.

▼B

3. Il-proċedura taċ-Ċertifikazzjoni kif ipprovdut fl-Artikolu 60(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandha tiżgura evidenza amministrattiva li tappoġġa l-eżattezza tal-varjetà/varjetajiet ta' għeneb tal-inbid jew il-vendemmja li tidher fuq it-tikketta tal-inbid/inbejjed kkonċernat/i.

▼B

Barra minn hekk, l-Istati Membri li jipproduċu jistgħu jiddeċiedu dwar:

(a) jista' jsir test organolettiku tal-inbid relatat mar-riħa u t-togħma bl-għan li jivverifika li l-karatteristika essenzjali tal-inbid hija minħabba l-varjetà/varjetajiet ta' għeneb tal-inbid użat/i u għandu jikkonċerna kampjuni anonimi;

(b) test analitiku fil-każ ta' nbid magħmul minn varjetà waħda ta' għeneb tal-inbid.

Il-proċedura taċ-ċertifikazzjoni għandha ssir mill-awtorità/awtoritajiet kompetenti jew mill-entità/entitajiet tal-kontroll kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 fl-Istat Membru li fih saret il-produzzjoni.

Iċ-ċertifikazzjoni għandha ssir jew permezz ta':

(a) kontrolli każwali bbażati fuq analiżi tar-riskju;

(b) teħid ta' kampjuni, jew;

(c) sistematikament.

Fil-każ ta' kontrolli każwali, għandhom ikunu bbażati fuq pjan ta' kontroll stabbilit minn qabel mill-awtorità/awtoritajiet li jkopri diversi stadji tal-produzzjoni ta' prodott. L-operaturi għandhom ikunu jafu bil-pjan ta' kontroll. L-Istati Membri għandhom jagħżlu b'mod każwali l-għadd minimu ta' operaturi li se jkunu soġġetti għal dan il-kontroll.

Fil-każ tat-teħid tal-kampjuni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi bin-numru tagħhom, in-natura u l-frekwenza tal-kontrolli, huma jkunu rappreżentattivi għat-territorju kollu tagħhom u jikkorrispondu mal-volum tal-prodotti tas-settur tal-inbid kkummerċjalizzati jew miżmum bil-ħsieb li jiġu kkummerċjalizzati.

Il-kontrolli każwali jistgħu jingħaqdu mat-teħid ta' kampjuni.

4. Fir-rigward tal-Artikolu 60(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, l-Istati Membri li jipproduċu għandhom jiżguraw li l-produtturi tal-inbid inkwistjoni jkunu approvati mill-Istat Membru li fih issir il-produzzjoni.

5. Fir-rigward tal-kontrolli, inkluż it-traċċabbilità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 555/2008 u r-Regolament (KE) Nru 606/2009 japplikaw.

6. Fil-każ ta' nbejjed transkonfinali kif imsemmi fl-Artikolu 60(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, iċ-ċertifikazzjoni tista' ssir minn waħda mill-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati.

7. Għall-inbejjed magħmulin skont l-Artikolu 60(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw it-termini "nbid b'isem il-varjetà" miżjuda mal-isem/ismijiet ta':

(a) l-Istat(i) Membru/i kkonċernati;

(b) il-varjetà/varjetajiet ta' għeneb tal-inbid.

▼B

Għall-inbejjed mingħajr denominazzjoni tal-oriġini protetta, l-indikazzjoni ġeografika protetta jew l-indikazzjoni ġeografika magħmula f'pajjiżi terzi li fuq it-tikketta turi l-isem ta' varjetà waħda jew iktar ta' għeneb tal-inbid jew il-vendemmja, il-pajjiżi terzi jistgħu jiddeċiedu li jużaw it-terminu "*nbejjed b'isem il-varjetà*" flimkien mal-isem/ismijiet tal-pajjiż(i) terz(i) kkonċernat(i).

Fil-każ tal-indikazzjoni tal-isem/ismijiet tal-Istat(i) Membru/i jew il-pajjiż(i) terz(i), l-Artikolu 55 ta' dan ir-Regolament ma għandux japplika.

▼M1

Fil-każ tar-Renju Unit, l-isem tal-Istat Membru jista' jinbidel bl-isem ta' pajjiż individwali li jagħmel parti mir-Renju Unit.

▼B

8. Il-paragrafi 1 sa 6 japplikaw għal prodotti magħmulin minn għeneb maqtugħ mill-2009, inkluż is-sena 2009.

Artikolu 64

Indikazzjoni tal-kontenut taz-zokkor

1. Ħlief fejn l-Artikolu 58 ta' dan ir-Regolament jipprovdi mod ieħor, il-kontenut taz-zokkor espress bħala fruttożju u glukożju kif ippruvdut fil-Parti B tal-Anness XIV għal dan ir-Regolament, jista' jidher fuq it-tikketta tal-prodotti kif imsemmi fl-Artikolu 60(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

2. Jekk il-kontenut taz-zokkor tal-prodotti jiġġustifika l-użu ta' tnejn mit-termini elenkati fil-Parti B tal-Anness XIV għal dan ir-Regolament, terminu wieħed biss minn dawn it-termini jista' jingħażel.

3. Mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet tal-użu deskritti fil-Parti B tal-Anness XIV għal dan ir-Regolament, il-kontenut taz-zokkor ma jridx ikun fih differenza ta' iktar minn gramma waħda f'kull litru minn dak li jidher fuq it-tikketta tal-prodott.

▼M1

4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-prodotti msemmija fil-paragrafi 3, 8 u 9 tal-Anness XIb għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, sakemm il-kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni tal-kontenut taz-zokkor huma rregolati mill-Istat Membru jew stabbiliti f'regoli applikabbli fil-pajjiż terz konċernat, inkluż, fil-każ tal-pajjiżi terzi, regoli li joriġinaw minn organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi.

▼B

Artikolu 65

Indikazzjoni tas-simboli tal-Komunità

1. Is-simboli tal-Komunità msemmijin fl-Artikolu 60(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jistgħu jidhru fuq it-tikketti tal-inbejjed kif stabbilit fl-Anness V għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2006 ([1]). Minkejja l-Artikolu 59, l-indikazzjonijiet "DENOMINAZZJONI PROTETTA TAL-ORIĠINI" u "INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA PROTETTA" fi ħdan is-simboli jistgħu jiġu sostitwiti b'termini ekwivalenti b'lingwa uffiċjali oħra tal-Komunità, kif stabbilit fl-Anness msemmi qabel.

([1]) ĠU L 369, 23.12.2006, p. 1.

▼B

2. Meta s-simboli Komunitarji jew l-indikazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 60(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jidhru fuq it-tikketta ta' prodott, għandhom ikunu akkumpanjati mid-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika protetta korrispondenti.

Artikolu 66

Termini li jirriferu għal ċerti metodi ta' produzzjoni

1. Skont l-Artikolu 60(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, inbejjed ikkummerċjalizzati fil-Komunità jistgħu juru indikazzjonijiet li jirreferu għal certi metodi ta' produzzjoni, fost oħrajn, dawk li huma stabbiliti fil-paragrafi 2, 3, 4, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu.

2. L-indikazzjonijiet elenkati fl-Anness XVI huma l-uniċi termini li jistgħu jintużaw biex jiddeskrivu nbid b'denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta jew b'indikazzjoni ġeografika ta' pajjiż terz li ġie ffermentat jew immaturat f'kontenitur tal-injam. Madankollu, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi jistgħu jistabbilixxu indikazzjonijiet oħrajn ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Anness XVI għal inbejjed bħal dawn.

L-użu ta' waħda mill-indikazzjonijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu għandu jitħalla meta l-inbid ikun ġie mqaddem f'kontenitur tal-injam skont ir-regoli nazzjonali fis-seħħ, anki meta l-proċess ta' maturazzjoni jitkompla f'tip ieħor ta' kontenitur.

L-indikazzjonijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu ma jistgħux jintużaw biex jiddeskrivu nbid li ġie magħmul bl-għajnuna ta' laqx tal-ballut, anki flimkien mal-użu ta' kontenitur jew kontenituri tal-injam.

3. L-espressjoni "*ffermentat fil-flixkun*" tista' tintuża biss biex tiddeskrivi nbejjed frizzanti bid-denominazzjonijiet tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta ta' pajjiż terz jew inbejjed frizzanti ta' kwalità sakemm:

(a) il-prodott ikun sar frizzanti permezz tat-tieni fementazzjoni alkoħolika fi flixkun;

(b) it-tul tal-proċess tal-produzzjoni, inkluż il-proċess ta' maturazzjoni fl-impriża fejn kien sar il-prodott, ikkalkulat mill-bidu tal-proċess tal-fermentazzjoni imfassal biex il-cuvée jsir frizzanti, ma kienx inqas minn disa' xhur;

(c) il-proċess ta' fermentazzjoni mfassal biex jagħmel il-cuvée frizzanti u l-preżenza tal-cuvée fuq il-karfa ikun dam mill-inqas 90 jum; u

(d) il-prodott ikun ġie sseparat mill-karfa permezz ta' filtrar skont il-metodu ta' tisfija jew permezz ta' tiswib.

4. L-espressjonijiet "*iffermentat fil-flixkun permezz tal-metodu tradizzjonali*" jew "*metodu tradizzjonali*" jew "*metodu klassiku*" jew "*metodu tradizzjonali klassiku*" jistgħu jintużaw biss biex jiddeskrivu nbejjed frizzanti b'denominazzjonijiet tal-oriġini protetti jew b'indikazzjoni ġeografika ta' pajjiż terz jew inbejjed frizzanti ta' kwalità sakemm il-prodott:

(a) ikun sar frizzanti permezz tat-tieni fermentazzjoni alkoħolika fil-flixkun;

▼B

(b) baqa' f'kuntatt mal-karfa mingħajr interruzzjoni għal mill-anqas disa' xhur fl-istess impriża mill-ħin meta kien ġie kkostitwit il-cuvée;

(c) ġie sseparat mill-karfa permezz ta' tiswib.

5. L-espressjoni "*Crémant*" tista' tintuża biss għal inbejjed frizzanti ta' kwalità bojod jew "*rosé*" b'denominazzjonijiet tal-oriġini protetti jew b'indikazzjoni ġeografika ta' pajjiż terz jekk:

(a) l-għeneb jinqata' bl-idejn;

(b) l-inbid huwa magħmul minn most miksub billi jingħasru għenieqed biz-zkuk jew għeneb bla zokk. Il-kwantità ta' most miksub ma għandhiex taqbeż il-100 litru għal kull 150 kg ta' għeneb;

(c) il-kontenut massimu tad-dijossidu tal-kubrit ma jaqbiżx il-150 mg/l;

(d) il-kontenut taz-zokkor mhuwiex inqas minn 50 g/l;

(e) l-inbid ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4; u

(f) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 67, it-terminu "*Crémant*" għandu jkun indikat fuq it-tikketti ta' nbejjed frizzanti ta' kwalità flimkien mal-isem tal-unità ġeografika sottostanti għaż-żona demarkata tad-denominazzjoni tal-oriġini protetta jew l-indikazzjoni ġeografika tal-pajjiż terz inkwistjoni.

Il-punti (a) u (f) ma japplikawx għall-produtturi li huma s-sidien ta' marki kummerċjali li fihom it-terminu "*crémant*" rreġistrat qabel l-1 ta' Marzu 1986.

6. Ir-referenzi għall-produzzjoni organika tal-għeneb huma rregolati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([1]).

Artikolu 67

Isem unità ġeografika iżgħar jew ikbar miż-żona sottostanti għad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika jew ir-referenzi taż-żona ġeografika

1. Fir-rigward tal-Artikolu 60(1)(g) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 55 u 56 ta' dan ir-Regolament, l-isem ta' unità ġeografika u r-referenzi ta' żona ġeografika jistgħu jidhru biss fuq tikketti ta' nbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini jew b'indikazzjoni ġeografika protetta jew b'indikazzjoni ġeografika ta' pajjiż terz.

2. ►M1 Għall-użu tal-isem ta' unità ġeografika iżgħar miż-żona sottostanti għad-denominazzjoni tal-oriġini jew għall-indikazzjoni ġeografika, iż-żona tal-unità ġeografika inkwistjoni għandha tiġi ddefinita sew. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli dwar l-użu ta' dawn l-unitajiet ġeografiċi. Mill-inqas 85 % tal-għeneb li minnu jsir l-inbid, għandu joriġina f'dik l-unità ġeografika iżgħar. Dan ma jinkludix:

(a) kwalunkwe kwantità ta' prodotti użati għat-taħlil, "*dożaġġ (expedition liqueur)*" jew "*likur tirage*"; jew

([1]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

▼B

(b) kwalunkwe kwantità ta’ prodott kif imsemmi fl-Anness XIb(3), il-punti (e) u (f) għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Il-15 % tal-għeneb li jibqa’ għandu joriġina fiż-żona ġeografika demarkata tad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika kkonċernata. ◄

Fil-każ ta’ marki kummerċjali reġistrati jew marki kummerċjali stabbiliti bl-użu qabel il-11 ta’ Mejju 2002 li fihom jew jikkonsistu minn isem ta’ unità ġeografika iżgħar miż-żona sottostanti għad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika jew ir-referenzi taż-żona ġeografika tal-Istati Membri kkonċernati, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx ir-rekwiżiti stabbiliti fit-tielet u r-raba’ sentenza tal-ewwel subparagrafu.

3. Isem unità ġeografika iżgħar jew ikbar miż-żona sottostanti għad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika jew ir-referenzi taż-żona ġeografika għandu jikkonsisti minn:

(a) lokalità jew grupp ta' lokalitajiet;

(b) żona amministrattiva lokali jew parti minnha;

(c) subreġjun vitikulturali jew parti minnu;

(d) żona amministrattiva.

TAQSIMA 3

Regoli dwar ċerti forom u għeluq speċifiċi ta’ fliexken u dispożizzjonijiet addizzjonali stabbiliti mill-Istati Membri produtturi

Artikolu 68

Il-kundizzjonijiet tal-użu ta’ ċerti forom speċifiċi ta' fliexken

Biex flixkun jikkwalifika għad-dħul fil-lista ta’ tipi speċifiċi ta’ fliexken stabbilita fl-Anness XVII irid jilħaq ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) irid ikun ilu jintuża esklussivament, ġenwinament u tradizzjonalment fl-aħħar 25 sena għal inbid b’denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika partikolarment protetta, u

(b) l-użu tiegħu għandu joħloq lill-konsumaturi nbid b’denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika partikolarment protetta.

L-Annex XVII jindika l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu tat-tipi speċifiċi ta’ fliexken rikonoxxuti.

▼M2

Artikolu 69

Regoli dwar il-preżentazzjoni għal ċerti prodotti

1. Inbid frizzanti, inbid frizzanti ta’ kwalità u nbid frizzanti aromatiku ta’ kwalità prodotti fl-Unjoni Ewropea għandhom jiġu kkummerċjalizzati jew esportati fi fliexken tal-ħġieġ tat-tip tal-“inbid frizzanti” magħluqin bi:

(a) għal fliexken b’volum nominali ta’ iktar minn 0,20 litru: tapp f’forma ta’ faqqiegħ magħmul tas-sufra jew materjal ieħor li jista’ jinġieb f’kuntatt ma’ prodotti tal-ikel, miżmum f’postu minn qafla, u mgħotti, jekk dan ikun meħtieġ, b’għatu u miksi bil-fojl li jgħatti t-tapp kompletament u parti mill-għonq tal-flixkun jew l-għonq kollu;

▼M2

(b) għal fliexken b'kontenut ta' volum nominali li ma jaqbiżx iż-0,20 litru: kwalunkwe għeluq ieħor adattat.

Prodotti oħra magħmula fl-Unjoni ma għandhomx jiġu kkummerċjalizzati jew esportati fi fliexken tal-ħġieġ tat-tip tal-"inbid frizzanti" jew b'għeluq kif deskritt fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu.

2. Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu kkumerċjalizzati jew esportati fi fliexken tal-ħġieġ tat-tip tal-"inbid frizzanti" u/jew b'għeluq kif deskritt fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1:

(a) prodotti li tradizzjonalment jitpoġġew fi fliexken bħal dawn u li:

(i) huma elenkati fl-Artikolu 113d(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

(ii) huma elenkati fil-paragrafi 7, 8 u 9 tal-Anness XIb għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

(iii) huma elenkati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/1991 ([1]); jew

(iv) għandhom kontenut alkoħoliku attwali b'volum ta' mhux iktar minn 1,2 % vol;

(b) prodotti oħrajn li huma differenti minn dawk imsemmijin fil-punt (a), sakemm ma jqarqux bil-konsumaturi fir-rigward tan-natura reali tal-prodott.

▼B

Artikolu 70

Dispożizzjonijiet addizzjonali stabbiliti mill-Istati Membri produtturi relatati mat-tikkettar u l-preżentazzjoni

1. Għall-inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta magħmulin fit-territorju tagħhom, id-dettalji msemmijin fl-Artikoli 61, 62 u 64 sa 67 jistgħu jsiru obbligatorji, projbiti jew limitati fir-rigward tal-użu tagħhom billi jintroduċu kundizzjonijiet stretti iktar minn dawk stabbiliti f'dan il-Kapitolu permezz tal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott korrispondenti ta' dawk l-inbejjed.

2. Fir-rigward ta' nbejjed mingħajr denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta magħmulin fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li d-dettalji msemmijin fl-Artikoli 64 u 66 għandhom ikunu obbligatorji.

3. Għall-finijiet ta' kontroll, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddefinixxu u jirregolaw dettalji oħrajn differenti minn dawk elenkati fl-Artikoli 59(1) u 60(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għall-inbejjed magħmulin fit-territorji tagħhom.

4. Għall-finijiet ta' kontroll, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu l-Artikoli 58, 59 u 60 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 applikabbli għall-inbejjed ibbottiljati fit-territoji tagħhom imma li għadhom ma ġewx ikkummerċjalizzati jew esportati.

([1]) ĠU L 149, 14.6.1991, p. 1.

▼B

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI, TRANŻITORJI U FINALI

▼M3

Artikolu 70a

Metodi applikabbli għall-komunikazzjonijiet bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi l-oħra

1. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, id-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi applikat dan ir-Regolament għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skont il-metodu li ġej:

(a) għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, permezz tas-sistema ta' informazzjoni li l-Kummissjoni qegħdet għad-dispożizzjoni tagħhom, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 792/2009,

(b) għall-awtoritajiet kompetenti u l-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi tal-pajjiżi terzi, kif ukoll il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li għandhom interess leġittimu jaġixxu skont dan ir-Regolament, permezz ta' mezzi elettroniċi, billi jużaw il-metodi u l-formoli li l-Kummissjoni qegħdet għad-dispożizzjoni tagħhom u li huma aċċessibbli bil-kundizzjonijiet li huma ppreċiżati fl-Anness XVIII għal dan ir-Regolament.

Madankollu, il-komunikazzjoni tista' sseħħ bil-karti permezz tal-formoli msemmija.

It-tressiq ta' talba u l-kontenut tal-komunikazzjonijiet jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-pajjiżi terzi, tal-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi jew tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi involuti, skont il-każ.

2. Il-Kummissjoni se tikkomunika l-informazzjoni lill-awtoritajiet u l-persuni kkonċernati minn dan ir-Regolament u, jekk ikun il-każ, lill-pubbliku u se tqegħedha għad-dispożizzjoni tagħhom permezz tas-sistemi ta' informazzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni.

L-awtoritajiet u l-persuni kkonċernati minn dan ir-Regolament jistgħu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, skont l-Anness XIX, sabiex jiksbu informazzjoni dwar id-dettalji prattiċi biex ikollhom aċċess għas-sistemi ta' informazzjoni, għall-komunikazzjonijiet u għat-tqegħid tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni.

3. L-Artikolu 5(2) u l-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 792/2009 japplikaw *mutatis mutandis* għall-komunikazzjonijiet u għat-tqegħid tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni msemmija fil-paragrafu 1(b) u fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1(b), l-għoti tad-drittijiet għall-aċċess għas-sistemi ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti u l-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi tal-pajjiżi terzi, kif ukoll lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li għandhom interess leġittimu jaġixxu skont dan ir-Regolament, isir minn dawk responsabbli għas-sistemi tal-informazzjoni fil-Kummissjoni.

Dawk responsabbli għas-sistemi tal-informazzjoni fil-Kummissjoni għandhom jivvalidaw id-drittijiet għall-aċċess, skont il-każ, abbażi tal-affarijiet li ġejjin:

(a) l-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-pajjiżi terzi, flimkien mal-punti ta' kuntatt tagħhom u l-indirizzi tal-posta elettronika tagħhom, li jinżammu mill-Kummissjoni fil-qafas tal-ftehimiet internazzjonali jew li jkunu ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni skont dawk il-ftehimiet,

▼M3

(b) talba uffiċjali minn pajjiż terz li tippreċiża l-informazzjoni dwar l-awtoritajiet responsabbli għall-komunikazzjoni tad-dokumenti u tal-informazzjoni meħtieġa biex jiġi applikat il-paragrafu 1(b), kif ukoll il-punti ta' kuntatt u l-indirizzi tal-posta elettronika tal-awtoritajiet ikkonċernati,

(c) talba minn organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva f'pajjiż terz jew minn persuna fiżika jew ġuridika, li fiha jkun hemm prova tal-identità u tal-interess leġittimu li tittieħed azzjoni, kif ukoll l-indirizz tal-posta elettronika.

Wara li d-drittijiet tal-aċċess ikunu ġew ivvalidati, dawn għandhom ikunu attivati minn dawk responsabbli għas-sistemi tal-informazzjoni fil-Kummissjoni.

Artikolu 70b

Il-komunikazzjoni u l-għoti tal-informazzjoni dwar l-awtoritajiet responsabbli għall-eżaminar tat-talbiet fil-livell nazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, qabel l-1 ta' Ottubru 2011, skont l-Artikolu 70a(1), l-isem, l-indirizz u l-punti ta' kuntatt, inklużi l-indirizzi tal-posta elettronika, tal-awtorità jew tal-awtoritajiet responsabbli għall-applikazzjoni tal-Artikolu 118f(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kif ukoll kwalunkwe bidla li jista' jkun hemm f'dawn id-dettalji.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornata lista li fiha tiġbor l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi, abbażi tal-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1 jew mill-pajjiżi terzi skont il-ftehimiet internazzjonali konklużi mal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-pubbliku b'din il-lista.

Artikolu 71

Ismijiet tal-inbejjed protetti skont ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999

1. Id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 118s(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, minn issa 'l quddiem imsejħin "il-fajl", u l-emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 73(1)(c) u (d) u 73(2) ta' dan ir-Regolament, għandhom jintbagħtu mill-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 70a(1) ta' dan ir-Regolament, skont ir-regoli u l-proċeduri li ġejjin:

(a) il-Kummissjoni għandha tikkonferma li rċeviet il-fajl jew l-emenda, hekk kif imsemmi fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament,

(b) Il-fajl jew l-emenda għandhom jitqiesu bħala ammissibbli fid-data meta dawn jaslu għand il-Kummissjoni, bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament u dejjem jekk il-Kummissjoni tirċevihom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011,

(c) il-Kummissjoni għandha tikkonferma r-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika kkonċernata fir-reġistru skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, bi kwalunkwe emenda li jista' jkun hemm, u tagħtiha numru tal-fajl,

▼M3

(d) il-Kummissjoni għandha teżamina l-validità tal-fajl u, fejn ikun il-każ, għandha tqis l-emendi li tkun irċeviet fil-perjodi taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tħassar id-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika kkonċernata skont l-Artikolu 118s(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 abbażi tad-dokumenti li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha skont l-Artikolu 118s(2) ta' dak ir-Regolament.

▼M2

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tat-trażmissjoni tal-fajls tekniċi kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 118s(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jiġu kkunsidrati bħala applikanti għall-iskop tal-applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 118c(1) ta' dak ir-Regolament.

▼B

Artikolu 72

Tikkettar temporanju

1. Permezz tad-deroga mill-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament, inbejjed li juru denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika, li d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika kkonċernata tilħaq ir-rekwiżiti kif imsemmijin fl-Artikolu 38(5) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, għandhom jiġu ttikkettati skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament.

2. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tagħtix denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, inbejjed ittikkettati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitneħħew mis-suq jew jerġgħu jiġu ttikkettati skont il-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament.

▼M3

Artikolu 73

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Il-proċedura stipulata fl-Artikolu 118s tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandha tapplika fil-każijiet li ġejjin:

(a) għal kwalunkwe denominazzjoni tal-inbid mibgħuta lil Stat Membru bħala denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika u approvata minn dan l-Istat Membru qabel l-1 ta' Awwissu 2009,

(b) għal kwalunkwe denominazzjoni tal-inbid mibgħuta lil Stat Membru bħala denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika qabel l-1 ta' Awwissu 2009 u approvata minn dan l-Istat Membru u mibgħuta lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2011,

(c) għal kwalunkwe emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott mibgħuta lil Stat Membru qabel l-1 ta' Awwissu 2009 u mibgħuta lill-Kummissjoni minn dan l-Istat Membru qabel il-31 ta' Diċembru 2011,

(d) għal kwalunkwe emenda minuri fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott mibgħuta lil Stat Membru mill-1 ta' Awwissu 2009 'l quddiem u mibgħuta lill-Kummissjoni minn dan l-Istat Membru qabel il-31 ta' Diċembru 2011.

▼M3

2. Il-proċedura stipulata fl-Artikolu 118q tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ma tapplikax għall-emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott mibgħuta lill-Istat Membru mill-1 ta' Awwissu 2009 'l quddiem u mibgħuta lill-Kummissjoni minn dan l-Istat Membru qabel it-30 ta' Ġunju 2014, meta dawn l-emendi jkollhom biss l-għan li jġibu l-ispeċifikazzjoni tal-prodott mibgħuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 118s(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 f'konformità mal-Artikolu 118c tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

3. L-inbejjed li jitqiegħdu fis-suq jew jiġu ttikkettati qabel il-31 ta' Diċembru 2010 u li huma konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli qabel l-1 ta' Awwissu 2009 jistgħu jiġu kkummerċjalizzati sakemm jispiċċaw il-ħażniet tagħhom.

▼M8

4. Inbejjed prodotti fil-Kroazja qabel it-30 ta' Ġunju 2013, li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti applikabbli fil-Kroazja f'din id-data, jistgħu jkunu kummerċjalizzati sakemm il-ħażniet ikunu eżawriti. Dawn il-prodotti jistgħu jiġu ttikkettati skont id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-Kroazja fit-30 ta' Ġunju 2013.

▼B

Artikolu 74

Tħassir

B'dan qed jiġu rrevokati r-Regolamenti (KE) Nru 1607/2000 u (KE) Nru 753/2002.

Artikolu 75

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M3

———————

▼M5

ANNESS X

PARTI A

Termini msemmija fl-artikolu 51(1)

Lingwa	Termini li jikkonċernaw is-sulfiti	Termini li jikkonċernaw il-bajd u l-prodotti bbażati fuq il-bajd	Termini li jikkonċernaw il-ħalib u l-prodotti bbażati fuq il-ħalib
bil-Bulgaru	*„сулфити“* jew *„серен диоксид“*	*„яйце“, „яйчен протеин“, „яйчен продукт“, „яйчен лизозим“* jew *„яйчен албумин“*	*„мляко“, „млечни продукти“, „млечен казеин“* jew *„млечен протеин“*
bl-Ispanjol	*«sulfitos»* jew *«dióxido de azufre»*	*«huevo», «proteína de huevo», «ovoproducto», «lisozima de huevo»* jew *«ovoalbúmina»*	*«leche», «productos lácteos», «caseína de leche»* jew *«proteína de leche»*
biċ-Ċek	*„siřičitany“* jew *„oxid siřičitý“*	*„vejce“, „vaječná bílkovina“, „výrobky z vajec“, „vaječný lysozym“* jew *„vaječný albumin“*	*„mléko“, „výrobky z mléka“, „mléčný kasein“* jew *„mléčná bílkovina“*
bid-Daniż	*»sulfitter«* jew *»svovldioxid«.*	*»æg«, »ægprotein«, »ægprodukt«, »æglysozym«*, jew *»ægalbumin«*	*»mælk«, »mælkeprodukt«, »mælkecasein«* jew *»mælkeprotein«*,
bil-Ġermaniż	*„Sulfite“* jew *„Schwefeldioxid“*	*„Ei“, „Eiprotein“, „Eiprodukt“, „Ei-Lysozym aus Ei“* jew *„Albumin aus Ei“*	*„Milch“, „Milcherzeugnis“, „Kasein aus Milch“* jew *„Milchprotein“*
bl-Estonjan	*„sulfitid”* jew *„vääveldioksiid”*	*„muna”, „munaproteiin”, „munatooted”, „munalüsosüüm”* jew *„munaalbumiin”...*	*„piim”, „piimatooted”, „piimakaseiin”* jew *„piimaproteiin”*
bil-Grieg	*«θειώδη», «διοξείδιο του θείου»* jew *«ανυδρίτης του θειώδους οξέος»*	*«αυγό», «πρωτεΐνη αυγού», «προϊόν αυγού», «λυσοζύμη αυγού»* jew *«αλβουμίνη αυγού»*	*«γάλα», «προϊόντα γάλακτος», «καζεΐνη γάλακτος»* jew *«πρωτεΐνη γάλακτος»*
bl-Ingliż	*‘sulphites’, ‘sulfites’, ‘sulphur dioxide’* jew *‘sulfur dioxide’*	*‘egg’, ‘egg protein’, ‘egg product’, ‘egg lysozyme’* jew *‘egg albumin’*	*‘milk’, ‘milk products’, ‘milk casein’* jew *‘milk protein’*
bil-Franċiż	*«sulfites»* jew *«anhydride sulfureux»*	*«œuf», «protéine de l’œuf», «produit de l’œuf», «lysozyme de l’œuf»* jew *«albumine de l’œuf»*	*«lait», «produits du lait», «caséine du lait»* jew *«protéine du lait»*
▼M7 bil-Kroat	„sulfiti” ili „sumporov dioksid”	„jaje”, „bjelančevine iz jaja”, „proizvodi od jaja”, „lizozim iz jaja” ili „albumin iz jaja”;	„mlijeko”, „mliječni proizvodi”, „kazein iz mlijeka” ili „mliječne bjelančevine”
▼M5 bit-Taljan	*«solfiti»*, jew *«anidride solforosa»*	*«uovo», «proteina dell’uovo», «derivati dell’uovo», «lisozima da uovo»* jew *«ovoalbumina»*	*«latte», «derivati del latte», «caseina del latte»* jew *«proteina del latte»*
bil-Latvjan	*“sulfīti”* jew *“sēra dioksīds”*	*“olas”, “olu olbaltumviela”, “olu produkts”, “olu lizocīms”* jew *“olu albumīns”*	*“piens”, “piena produkts”, “piena kazeīns”* jew *“piena olbaltumviela”*
bil-Litwan	*„sulfitai“* jew *„sieros dioksidas“*	*„kiaušiniai“, „kiaušinių baltymai“, „kiaušinių produktai“, „kiaušinių lizocimas“* jew *„kiaušinių albuminas“*	*„pienas“, „pieno produktai“, „pieno kazeinas“* jew *„pieno baltymai“*
bl-Ungeriż	*„szulfitok”* jew *„kén-dioxid”*	*„tojás”, „tojásból származó fehérje”, „tojástermék”, „tojásból származó lizozim”* jew *„tojásból származó albumin”*	*„tej”, „tejtermékek”, „tejkazein”* jew *„tejfehérje”*

▼**M5**

Lingwa	Termini li jikkonċernaw is-sulfiti	Termini li jikkonċernaw il-bajd u l-prodotti bbażati fuq il-bajd	Termini li jikkonċernaw il-ħalib u l-prodotti bbażati fuq il-ħalib
bil-Malti	*"sulfiti"*, jew *"diossidu tal-kubrit"*	*"bajd", "proteina tal-bajd", "prodott tal-bajd", "liżożima tal-bajd"* jew *"albumina tal-bajd"*	*"ħalib", "prodotti tal-ħalib", "kaseina tal-ħalib"* jew *"proteina tal-ħalib"*
bl-Olandiż	*„sulfieten"* jew *„zwaveldioxide"*	*„ei", „eiproteïne", „eiderivaat", „eilysozym"* jew *„eialbumine"*	*„melk", „melkderivaat", „melkcaseïne"* jew *„melkproteïnen"*
bil-Pollakk	*„siarczyny", „dwutlenek siarki"* jew *„ditlenek siarki"*	*„jajo", „białko jaja", „produkty z jaj", „lizozym z jaja"* jew *„albuminę z jaja"*	*„mleko", „produkty mleczne", „kazeinę z mleka"* jew *„białko mleka"*
bil-Portugiż	*«sulfitos»* jew *«dióxido de enxofre»*	*«ovo», «proteína de ovo», «produto de ovo», «lisozima de ovo»* jew *«albumina de ovo»*	*«leite», «produtos de leite», «caseína de leite»* jew *«proteína de leite»*
bir-Rumen	*„sulfiți"* jew *„dioxid de sulf"*	*„ouă", „proteine din ouă", „produse din ouă", „lizozimă din ouă"* jew *„albumină din ouă"*	*„lapte", „produse din lapte", „cazeină din lapte"* jew *„proteine din lapte"*
bis-Slovakk	*„siričitany"* jew *„oxid siričitý"*	*„vajce", „vaječná bielkovina", „výrobok z vajec", „vaječný lyzozým"* jew *„vaječný albumín"*	*„mlieko", „výrobky z mlieka", „mliečne výrobky", „mliečny kazeín"* jew *„mliečna bielkovina"*
bis-Sloven	*„sulfiti"* jew *„žveplov dioksid"*	*„jajce", „jajčne beljakovine", „proizvod iz jajc", „jajčni lizocim"* jew *„jajčni albumin"*	*„mleko", „proizvod iz mleka", „mlečni kazein"* jew *„mlečne beljakovine"*
bil-Finlandiż	*"sulfiittia", "sulfiitteja"* jew *"rikkidioksidia"*	*"kananmunaa", "kananmunaproteiinia", "kananmunatuotetta", "lysotsyymiä (kananmunasta)"* jew *"kananmuna-albumiinia"*	*"maitoa", "maitotuotteita", "kaseiinia (maidosta)"* jew *"maitoproteiinia"*
bl-Isvediż	*"sulfiter"* jew *"svaveldioxid"*	*"ägg", "äggprotein", "äggprodukt", "ägglysozym"* jew *"äggalbumin"*	*"mjölk", "mjölkprodukter", "mjölkkasein"* jew *"mjölkprotein"*

PARTI B

Piktogrammi msemmija fl-Artikolu 51(2)



▼**M6**

ANNESS Xa

Kliem imsemmi fl-Artikolu 56(3)(b)

Lingwa	Kliem awtorizzat minflok "produttur"	Kliem awtorizzat minflok "magħmul minn"
BG	„производител“	„произведено от“
ES	"*elaborador*"	"*elaborado por*"
CS	„*zpracovatel*“ jew "vinař"	„*zpracováno v*“ jew "vyrobeno v"
DA	»*forarbejdningsvirksomhed*« jew »*vinproducent*«	»*forarbejdet af*«
DE	„*Verarbeiter*“	„*verarbeitet von*“ *jew* "*versektet durch*"
ET	„*töötleja*”	„*töödelnud*”
EL	«*οινοποιός*»	«*οινοποιήθηκε από*»,
EN	"*processor*" *jew* "*winemaker*"	"*processed by*" *jew* "*made by*"
FR	"*élaborateur*"	"*élaboré par*"
IT	"*elaboratore*" *jew* "*spumantizzatore*"	"*elaborato da*" *jew* "*spumantizzato da*"
LV	“izgatavotājs”	«vīndaris» jew «ražojis»
LT	„perdirbėjas“	„perdirbo“
HU	„*feldolgozó:*”	„*feldolgozta:*”
MT	"*proċessur*"	"*ipproċessat minn*"
NL	„*verwerker*” jew "*bereider*"	„*verwerkt door*” jew "*bereid door*"
PL	„*przetwórca*” jew „*wytwórca*”	„*przetworzone przez*” jew „*wytworzone przez*”
PT	"*elaborador*" *jew* "*preparador*"	"*elaborado por*" *jew* "*preparado por*"
RO	"*elaborator*"	"*elaborat de*"
SI	«*pridelovalec*«	«*prideluje*»
SK	„*spracovatel*“	„*spracúva*“
FI	"*valmistaja*"	"*valmistanut*"
SV	”*bearbetningsföretag*”	”*bearbetat av*”

▼M3

———————

▼B

ANNESS XIII

TERMINI LI JIRREFERU GĦAL IMPRIŻA

L-Istati Membri jew il-pajjiżi terzi	Termini
L-Awstrija	Burg, Domäne, Eigenbau, Familie, Gutswein, Güterverwaltung, Hof, Hofgut, Kloster, Landgut, Schloss, Stadtgut, Stift, Weinbau, Weingut, Weingärtner, Winzer, Winzermeister
Ir-Repubblika Ċeka	Sklep, vinařský dům, vinařství
Il-Ġermanja	Burg, Domäne, Kloster, Schloss, Stift, Weinbau, Weingärtner, Weingut, Winzer
Franza	Abbaye, Bastide, Campagne, Chapelle, Château, Clos, Commanderie, Cru, Domaine, Mas, Manoir, Mont, Monastère, Monopole, Moulin, Prieuré, Tour
Il-Greċja	Αγρέπαυλη (*Agrepavlis*), Αμπελι (*Ampeli*), Αμπελώναζ(-ες) (*Ampelonas-(es)*), Αρχοντικό (*Archontiko*), Κάστρο (*Kastro*), Κτήμα (Ktima), Μετόχι (*Metochi*), Μοναστήρι (*Monastiri*), Ορεινό Κτήμα (*Orino Ktima*), Πύργος (*Pyrgos*)
L-Italja	abbazia, abtei, ansitz, burg, castello, kloster, rocca, schlofl, stift, torre, villa
Ċipru	Αμπελώνας (-ες) (*Ampelonas (-es)*, Κτήμα (*Ktima*), Μοναστήρι (*Monastiri*), Μονή (*Moni*)
Il-Portugall	Casa, Herdade, Paço, Palácio, Quinta, Solar
Is-Slovakkja	Kaštieľ, Kúria, Pivnica, Vinárstvo, Usadlosť
Is-Slovenja	Klet, Kmetija, Posestvo, Vinska klet

▼B

ANNESS XIV

INDIKAZZJONI TAL-KONTENUT TAZ-ZOKKOR

Termini	Kundizzjoni tal-użu
PARTI A — **Lista ta' termini li għandhom jintużaw għal inbid frizzanti, inbid frizzanti bil-gass, inbid frizzanti ta' kwalità jew inbid frizzanti jew inbid frizzanti aromatiku ta' kwalità**	
brut nature, naturherb, bruto natural, pas dosé, dosage zéro, natūralusis briutas, īsts bruts, přírodně tvrdé, popolnoma suho, dosaggio zero, брют натюр, brut natur	If its sugar content is less than 3 grams per litre; dawn it-termini jistgħu jintużaw biss għal prodotti li magħhom ma jkun żdied l-ebda zokkor wara l-fermentazzjoni sekondarja.
extra brut, extra herb, ekstra briutas, ekstra brut, ekstra bruts, zvláště tvrdé, extra bruto, izredno suho, ekstra wytrawne, екстра брют	Jekk il-kontenut taz-zokkor tiegħu jkun bejn 0 u 6 gramma għal kull litru.
brut, herb, briutas, bruts, tvrdé, bruto, zelo suho, bardzo wytrawne, брют	Jekk il-kontenut taz-zokkor tiegħu jkun inqas minn 12-il gramma għal kull litru.
extra dry, extra trocken, extra seco, labai sausas, ekstra kuiv, ekstra sausais, különlegesen száraz, wytrawne, suho, zvláště suché, extra suché, екстра сухо, extra sec, ekstra tør	Jekk il-kontenut taz-zokkor tiegħu jkun bejn 12 u 17 gramma għal kull litru.
sec, trocken, secco, asciutto, dry, tør, ξηρός, seco, torr, kuiva, sausas, kuiv, sausais, száraz, półwytrawne, polsuho, suché, сухо	Jekk il-kontenut taz-zokkor tiegħu jkun bejn 17 u 32 gramma għal kull litru.
demi-sec, halbtrocken, abboccato, medium dry, halvtør, ημίξηρος, semi seco, meio seco, halvtorr, puolikuiva, pusiau sausas, poolkuiv, pussausais, félszáraz, półsłodkie, polsladko, polo-suché, polosladké, полусухо	Jekk il-kontenut taz-zokkor tiegħu jkun bejn 32 u 50 gramma għal kull litru.
doux, mild, dolce, sweet, sød, γλυκός, dulce, doce, söt, makea, saldus, magus, édes, ħelu, słodkie, sladko, sladké, сладко, dulce, saldais	Jekk il-kontenut taz-zokkor tiegħu jkun iktar minn 50 gramma għal kull litru.
PARTI B — **Lista ta' termini li għandhom jintużaw għal prodotti oħrajn li huma differenti minn dawk elenkati fit-Taqsima A**	
cyxo, seco, suché, tør, trocken, kuiv, ξηρός, dry, sec, secco, asciuttto, sausais, sausas, száraz, droog, wytrawne, seco, sec, suho, kuiva	Jekk il-kontenut taz-zokkor tiegħu ma jaqbiżx: — 4 grammi għal kull litru, jew — 9 grammi għal kull litru, sakemm l-aċidità totali espressa fi grammi ta' aċidu tartariku għal kull litru ma tkunx iktar minn 2 grammi taħt il-kontenut taz-zokkor residwu.

▼B

Termini	Kundizzjoni tal-użu
полусухо, semiseco, polosuché, halvtør, halbtrocken, poolkuiv, ημίξηρος, medium dry, demi-sec, abboccato, pussausais, pusiau sausas, félszáraz, halfdroog, półwytrawne, meio seco, adamado, demisec, polsuho, puolikuiva, halvtorrt	Jekk il-kontenut taz-zokkor tiegħu jaqbeż il-massimu stabbilit hawn fuq imma ma jaqbiżx: — 12-il gramma għal kull litru, jew — 18-il gramma għal kull litru, sakemm l-aċidità totali espressa fi grammi ta' aċidu tartariku għal kull litru ma tkunx iktar minn 10 grammi taħt il-kontenut taz-zokkor residwu.
полусладко, semidulce, polosladké, halvsød, lieblich, poolmagus, ημίγλυκος, medium, medium sweet, moelleux, amabile, pussaldais, pusiau saldus, félédes, halfzoet, półsłodkie, meio doce, demidulce, polsladko, puolimakea, halvsött	Jekk il-kontenut taz-zokkor tiegħu huwa ogħla mill-massimu stabbilit hawn fuq imma mhux iktar minn 45 gramma għal kull litru.
сладко, dulce, sladké, sød, süss, magus, γλυκός, sweet, doux, dolce, saldais, saldus, édes, ħelu, zoet, słodkie, doce, dulce, sladko, makea, sött.	Jekk il-kontenut taz-zokkor tiegħu għall-inqas ikun 45 gramma għal kull litru.

▼M1

ANNESS XV

LISTA TA' VARJETAJIET TA' GĦENEB TAL-INBID U S-SINONIMI TAGĦHOM LI JISTGĦU JIDHRU FUQ IT-TIKKETTAR TAL-INBEJJED

PARTI A: **Lista ta' varjetajiet ta' għeneb tal-inbid u s-sinonimi tagħhom li jistgħu jidhru fuq it-tikkettar tal-inbejjed skont l-Artikolu 62(3)**

	Isem ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta	Isem il-varjetà jew is-sinonimi tagħha	Pajjiżi li jistgħu jużaw isem il-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tagħha [1]
1	Alba (IT)	**Albarossa**	L-Italja
2	Alicante (ES)	**Alicante Bouschet**	**Il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, l-Alġerija, it-Tuneżija, l-Istati Uniti, Ċipru,** l-Afrika t'Isfel ►M8 , il-Kroazja ◄ *N.B.: L-isem "Alicante" ma jistax jintuża waħdu bħala denominazzjoni tal-inbid.*
3		**Alicante Branco**	**Il-Portugall**
4		**Alicante Henri Bouschet**	**Franzaº, is-Serbja u l-Montenegro** (6)
5		**Alicante**	**L-Italja**
6		Alikant Buse	Is-Serbja u l-Montenegro (4)
7	Avola (IT)	Nero d'Avola	L-Italja
8	Bohotin (RO)	**Busuioacă de Bohotin**	**Ir-Rumanija**
9	Borba (PT)	**Borba**	**Spanja**
10	Bourgogne (FR)	Blauburgunder	L-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (13-**20**-30), l-Awstrija (**18**-20), il-Kanada (20-30), iċ-Ċilì (20-30), l-Italja (20-30), l-Isvizzera
11		**Blauer Burgunder**	**L-Awstrija** (10-13), is-Serbja u l-Montenegro (**17**-30)
12		**Blauer Frühburgunder**	**Il-Ġermanja** (24)
13		**Blauer Spätburgunder**	**Il-Ġermanja** (30), l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (10-**20**-30), l-Awstrija (10-**11**), il-Bulgarija (30), il-Kanada (10-30), iċ-Ċilì (10-30), ir-Rumanija (30), l-Italja (10-30)
14		**Burgund Mare**	**Ir-Rumanija** (35, 27, 39, 41)
▼M8 14a		Borgonja istarska	Il-Kroazja
▼M1 15		**Burgundac beli**	**Is-Serbja u l-Montenegro** (34)
▼M8 15a		Burgundac bijeli	Il-Kroazja
———			
▼M1 17		**Burgundac crni**	**Is-Serbja u l-Montenegro** (11-30) ►M8 , il-Kroazja ◄

▼M1

	Isem ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta	Isem il-varjetà jew is-sinonimi tagħha	Pajjiżi li jistgħu jużaw isem il-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tagħha ([1])
18		**Burgundac sivi**	Il-Kroazja[o], **is-Serbja u l-Montenegro[o]**
19		**Burgundec bel**	**L-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**
20		**Burgundec crn**	**L-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja** (10-13-30)
21		**Burgundec siv**	**L-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**
22		**Early Burgundy**	**L-Istati Uniti**
23		Fehér Burgundi, Burgundi	L-Ungerija (31)
24		Frühburgunder	Il-Ġermanja (**12**), **il-Pajjiżi l-Baxxi**
25		Grauburgunder	Il-Ġermanja, il-Bulgarija, l-Ungerija, ir-Rumanija (26)
26		Grauer Burgunder	Il-Kanada, ir-Rumanija (25), il-Ġermanja, **l-Awstrija**
27		Grossburgunder	Ir-Rumanija (37, **14**, 40, 42)
28		Kisburgundi kék	L-Ungerija (30)
29		**Nagyburgundi**	L-Ungerija
30		Spätburgunder	L-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (10-13-**20**), is-Serbja u l-Montenegro (11-**17**), il-Bulgarija (13), il-Kanada (10-13), iċ-Ċilì, l-Ungerija (29), il-Moldavja, ir-Rumanija (13), l-Italja (10-13), **ir-Renju Unit**, il-Ġermanja (**13**)
31		Weißburgunder	L-Afrika t'Isfel (33), il-Kanada, iċ-Ċilì (32), l-Ungerija (23), il-Ġermanja (**32**, 33), l-Awstrija (**32**), ir-Renju Unit, l-Italja
32		**Weißer Burgunder**	**Il-Ġermanja** (31, 33), **l-Awstrija** (31), iċ-Ċilì (31), is-Slovenja, l-Italja
33		**Weissburgunder**	L-Afrika t'Isfel (31), il-Ġermanja (31, **32**), ir-Renju Unit, l-Italja, **l-Isvizzera**
34		Weisser Burgunder	Is-Serbja u l-Montenegro (**15**)
35	Calabria (IT)	Calabrese	**L-Italja**
36	Cotnari (RO)	**Grasă de Cotnari**	**Ir-Rumanija**
37	Franken (DE)	**Blaufränkisch**	Ir-Repubblika Ċeka (**39**), l-Awstrija, il-Ġermanja, is-Slovenja (**Modra-frankinja**, Frankinja), l-Ungerija, ir-Rumanija (**14**, 27, 39, 41)
38		**Frâncuşă**	**Ir-Rumanija**
39		**Frankovka**	**Ir-Repubblika Ċeka** (37), is-Slovakkja (**40**), ir-Rumanija (**14**, 27, 38, 41) ►M8 , il-Kroazja ◄
40		**Frankovka modrá**	**Is-Slovakkja** (39)
41		**Kékfrankos**	L-Ungerija, ir-Rumanija (37, **14**, 27, 39)
42	Friuli (IT)	Friulano	L-Italja
43	Graciosa (PT)	**Graciosa**	**Il-Portugall**

▼M1

	Isem ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta	Isem il-varjetà jew is-sinonimi tagħha	Pajjiżi li jistgħu jużaw isem il-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tagħha [1]
44	Мелник (BU) *Melnik*	**Мелник** *Melnik*	**Il-Bulgarija**
45	Montepulciano (IT)	**Montepulciano**	**L-Italja**
46	Moravské (CZ)	Cabernet Moravia	**Ir-Repubblika Ċeka**
47		Moravia dulce	**Spanja**
48		Moravia agria	**Spanja**
49		**Muškat moravský**	**Ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja**
50	Odobești (RO)	**Galbenă de Odobești**	**Ir-Rumanija**
51	Porto (PT)	**Portoghese**	**L-Italja**
52	Rioja (ES)	**Torrontés riojano**	**L-Arġentina**
53	Sardegna (IT)	Barbera Sarda	L-Italja
54	Sciacca (IT)	Sciaccarello	Franza
▼M9 55	Teran (SI)	Teran	Il-Kroazja [3]

▼M1

PARTI B: **Lista ta' varjetajiet ta' għeneb tal-inbid u s-sinonimi tagħhom li jistgħu jidhru fuq it-tikkettar tal-inbejjed skont l-Artikolu 62(4)**

	Isem ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta	Isem il-varjetà jew is-sinonimi tagħha	Pajjiżi li jistgħu jużaw isem il-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tagħha [1]
1	Mount Athos – Agioritikos (GR)	**Agiorgitiko**	**Il-Greċja**, Ċipru
2	Aglianico del Taburno (IT)	**Aglianico**	**L-Italja, il-Greċja, Malta, l-Istati Uniti**
▼M8 2a	Aglianico del Taburno (IT)	Aglianico crni	Il-Kroazja
▼M1 3	Aglianico del Vulture (IT)	**Aglianicone**	**L-Italja**
4	Aleatico di Gradoli (IT) Aleatico di Puglia (IT)	**Aleatico**	**L-Italja, l-Awstralja[o], l-Istati Uniti[o]**
5	Ansonica Costa dell'Argentario (IT)	**Ansonica**	**L-Italja, l-Awstralja**
6	Conca de Barbera (ES)	**Barbera Bianca**	**L-Italja**
7		**Barbera**	**L-Afrika t'Isfel, l-Arġentina, l-Awstralja, il-Kroazja, il-Messiku, is-Slovenja, l-Urugwaj, l-Istati Uniti, il-Greċja, l-Italja, Malta**
8		**Barbera Sarda**	**L-Italja**

▼M1

	Isem ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta	Isem il-varjetà jew is-sinonimi tagħha	Pajjiżi li jistgħu jużaw isem il-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tagħha [1]
9	Malvasia di Castel-nuovo Don Bosco (IT) Bosco Eliceo (IT)	**Bosco**	**L-Italja**
10	Brachetto d'Acqui (IT)	**Brachetto**	**L-Italja, l-Awstralja**
11	Etyek-Buda (HU)	**Budai**	**L-Ungerija**
12	Cesanese del Piglio (IT) Cesanese di Olevano Romano (IT) Cesanese di Affile (IT)	**Cesanese**	**L-Italja, l-Awstralja**
13	Cortese di Gavi (IT) Cortese dell'Alto Monferrato (IT)	**Cortese**	**L-Italja, l-Awstralja[o], l-Istati Uniti[o]**
14	Duna (HU)	**Duna gyöngye**	**L-Ungerija**
15	Dunajskostredský (SK)	**Dunaj**	**Is-Slovakkja**
16	Côte de Duras (FR)	**Durasa**	**L-Italja**
17	Korinthos-Korinthiakos (GR)	**Corinto Nero**	**L-Italja**
18		**Korinthiaki**	**Il-Greċja**
19	Fiano di Avellino (IT)	**Fiano**	**L-Italja, l-Awstralja[o], l-Istati Uniti[o]**
20	Fortana del Taro (IT)	**Fortana**	**L-Italja, l-Awstralja**
21	Freisa d'Asti (IT) Freisa di Chieri (IT)	**Freisa**	**L-Italja, l-Awstralja, l-Istati Uniti[o]**
22	Greco di Bianco (IT) Greco di Tufo (IT)	**Greco**	**L-Italja, l-Awstralja**
23	Grignolino d'Asti (IT) Grignolino del Monferrato Casalese (IT)	**Grignolino**	**L-Italja, l-Awstralja[o], l-Istati Uniti[o]**
24	Izsáki Arany Sárfehér (HU)	**Izsáki Sáfeher**	**L-Ungerija**
25	Lacrima di Morro d'Alba (IT)	**Lacrima**	**L-Italja, l-Awstralja**

▼M1

	Isem ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta	Isem il-varjetà jew is-sinonimi tagħha	Pajjiżi li jistgħu jużaw isem il-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tagħha ([1])
26	Lambrusco Grasparossa di Castelvetro	**Lambrusco grasparossa**	**L-Italja**
27		**Lambrusco**	**L-Italja, l-Awstralja ([2]), l-Istati Uniti[o]**
28	Lambrusco di Sorbara (IT)		
29	Lambrusco Mantovano (IT)		
30	Lambrusco Salamino di Santa Croce (IT)		
31		**Lambrusco Salamino**	**L-Italja**
32	Colli Maceratesi	Maceratino	**L-Italja, l-Awstralja**
33	Nebbiolo d'Alba (IT)	**Nebbiolo**	**L-Italja, l-Awstralja[o], l-Istati Uniti[o] ►M8 , il-Kroazja ◄**
34	Colli Orientali del Friuli Picolit (IT)	**Picolit**	**L-Italja**
35		**Pikolit**	**Is-Slovenja**
36	Colli Bolognesi Classico Pignoletto (IT)	**Pignoletto**	**L-Italja, l-Awstralja**
37	Primitivo di Manduria	**Primitivo**	**L-Italja, l-Awstralja[o], l-Istati Uniti[o] ►M8 , il-Kroazja ◄**
38	Rheingau (DE)	**Rajnai rizling**	**L-Ungerija** (41)
39	Rheinhessen (DE)	Rajnski rizling	Is-Serbja u l-Montenegro (40-41 **46**) ►M8 , il-Kroazja ◄
40		Renski rizling	Is-Serbja u l-Montenegro (39-43-**46**), **is-Slovenja** (45)
41		Rheinriesling	Il-Bulgarija, l-Awstrija, il-Ġermanja (43), l-Ungerija (**38**), ir-Repubblika Ċeka (**49**), l-Italja (43), il-Greċja, il-Portugall, is-Slovenja
42		Rhine Riesling	L-Afrika t'Isfel, l-Awstralja, iċ-Ċilì (44), il-Moldavja, New Zealand, **Ċipru, l-Ungerija**
43		Riesling renano	Il-Ġermanja (41), is-Serbja u l-Montenegro (39-40-**46**), **l-Italja** (41)
44		**Riesling Renano**	Iċ-Ċilì (42), **Malta[o]**
45		Radgonska ranina	**Is-Slovenja ►M8 , il-Kroazja ◄**
46		**Rizling rajnski**	**Is-Serbja u l-Montenegro** (39-40-43)
47		**Rizling Rajnski**	**L-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kroazja**
48		**Rizling rýnsky**	**Is-Slovakkja**
49		**Ryzlink rýnský**	(41)
50	Rossese di Dolceacqua (IT)	**Rossese**	**L-Italja, l-Awstralja**

▼M1

	Isem ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta	Isem il-varjetà jew is-sinonimi tagħha	Pajjiżi li jistgħu jużaw isem il-varjetà jew wieħed mis-sinonimi tagħha ([1])
51	Sangiovese di Romagna	**Sangiovese**	**L-Italja, l-Awstralja[o], l-Istati Uniti[o] ►M8 , il-Kroazja ◄**
52	Štajerska Slovenija (SV)	Štajerska belina	**Is-Slovenja ►M8 , il-Kroazja ◄**
▼M8 52a	Štajerska Slovenija (SV)	Štajerka	Il-Kroazja
▼M1 53	Teroldego Rotaliano (IT)	Teroldego	**L-Italja, l-Awstralja[o], l-Istati Uniti[o]**
54	Vinho Verde (PT)	**Verdea**	**L-Italja**
55		**Verdeca**	**L-Italja**
56		**Verdese**	**L-Italja**
57	Verdicchio dei Castelli di Jesi (IT) Verdicchio di Matelica (IT)	**Verdicchio**	**L-Italja, l-Awstralja**
▼M4 58	Vermentino di Gallura (IT) Vermentino di Sardegna (IT)	**Vermentino**	**l-Italja, l-Awstralja, l-Istati Uniti tal-Amerika ►M8 , il-Kroazja ◄**
▼M1 59	Vernaccia di San Gimignano (IT) Vernaccia di Oristano (IT) Vernaccia di Serrapetrona (IT)	**Vernaccia**	**L-Italja, l-Awstralja**
60	Zala (HU)	**Zalagyöngye**	**L-Ungerija**

(*) *TIFSIRA:*

— termini bil-korsiv: referenza għas-sinonimu għall-varjetà ta' għeneb tal-inbid
— "o" l-ebda sinonimu
— terminini b'tipa grassa: kolonna 3: isem il-varjetà ta' għeneb tal-inbid
kolonna 4: il-pajjiż fejn l-isem jikkorrispondi għal varjetà u referenza għall-varjetà
— termini mhux b'tipa grassa: kolonna 3: isem is-sinonimu ta' varjetà ta' dwieli
kolonna 4: isem il-pajjiż li juża s-sinonimu ta' varjetà ta' dwieli

([1]) Għall-istati konċernati, id-derogi li hemm dispożizzjoni dwarhom f'dan l-Anness huma awtorizzati biss fil-każ ta' nbejjed li juru denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta magħmulin bil-varjetajiet konċernati.

([2]) L-użu huwa awtorizzat skont id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 22(4) tal-Ftehim tal-1 ta' Diċembru 2008 bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja dwar il-kummerċ tal-inbid (ĠU L 28, 30.1.2009, p. 3).

▼M9

([3]) Unikament għad-DOP "Hrvatska Istra" (PDO-HR-A1652), bil-kundizzjoni li "Hrvatska Istra" u "Teran" jidhru fl-istess parti viżiva u li l-isem "Teran" jidher b'tipa iżgħar minn dik użata għal "Hrvatska Istra".

▼B

ANNESS XVI

Indikazzjonijiet awtorizzati għall-użu fuq it-tikkettar tal-inbejjed skont l-Artikolu 66(2)

iffermentat fil-btieti	immaturat fil-btieti	immaturat fil-btieti
[…] — iffermentat fil-btieti *[indika t-tip ta' njam]*	[…] — immaturat fil-btieti *[indika t-tip ta' njam]*	[…] — immaturat fil-btieti *[indika t-tip ta' njam]*
iffermentat fil-btieti	immaturat fil-btieti	immaturat fil-btieti

▼B

ANNESS XVII

RISERVA TA' ĊERTI TIPI SPEĊIFIĊI TA' FLIEXKEN

1. **"Flûte d'Alsace":**

   (a) tip: flixkun tal-ħġieġ li jikkonsisti minn forma ċilindrika dritta b'għonq twil, madwar il-proporzjonijiet li ġejjin:

   — it-tul/id-dijametru totali fil-qiegħ = 5:1;

   — it-tul tal-forma ċilindrika = tul totali/3;

   (b) l-inbejjed li għalihom huwa riservat dan it-tip ta' flixkun, fil-każ ta' nbejjed magħmulin minn għeneb maqtugħ fit-territorju Franċiż, huma l-inbejjed ta' denominazzjonijiet tal-oriġini li ġejjin:

   — "Alsace" jew "vin d'Alsace", "Alsace Grand Cru",

   — "Crépy",

   — "Château-Grillet",

   — "Côtes de Provence", red and rosé,

   — "Cassis",

   — "Jurançon", "Jurançon sec",

   — "Béarn", "Béarn-Bellocq", rosé,

   — "Tavel", rosé.

   Madankollu, ir-restrizzjoni fuq l-użu ta' fliexken ta' dan it-tip għandha tapplika biss għal inbejjed magħmulin minn għeneb maqtugħ fit-territorju Franċiż.

2. **"Bocksbeutel" jew "Cantil":**

   (a) tip: flixkun tal-ħġieġ bl-għonq qasir, biż-żaqq imbaċċa imma b'forma ċatta; il-qiegħ u l-qasma tan-nofs tal-flixkun fil-punt ta' meta l-konvesità tkun l-ikbar huma ellissojdali:

   — il-proporzjon bejn iċ-ċentru t-twil u l-qasir tal-qasma ellissojdali tan-nofs = 2:1;

   — il-proporzjon tat-tul tal-forma konvessa mal-għonq ċilindriku tal-flixkun = 2.5:1;

   (b) inbejjed li għalihom huwa riservat dan it-tip ta' flixkun:

   (i) inbejjed Ġermaniżi bid-denominazzjonijiet tal-oriġini ta':

   — Franken,

   — Baden:

   — li joriġinaw f'Taubertal u Schüpfergrund,

   — li joriġinaw fil-partijiet li ġejjin taż-żona amministrattiva lokali ta' Baden-Baden: Neuweier, Steinbach, Umweg u Varnhalt;

   (ii) inbejjed Taljani bid-denominazzjonijiet tal-oriġini ta':

   — Santa Maddalena (St. Magdalener),

   — Valle Isarco (Eisacktaler), magħmul mill-varjetajiet Sylvaner u Müller-Thurgau,

   — Terlaner, magħmul mill-varjetà Pinot bianco,

▼B

— Bozner Leiten,

— Alto Adige (Südtiroler), magħmul mill-varjetajiet Riesling, Müller-Thurgau, Pinot nero, Moscato giallo, Sylvaner, Lagrein, Pinot blanco (Weissburgunder) u Moscato rosa (Rosenmuskateller),

— Greco di Bianco,

— Trentino, magħmul mill-varjetà Moscato;

(iii) inbejjed Griegi:

— Agioritiko,

— Rombola Kephalonias,

— inbejjed mill-għira ta' Kefalonia,

— inbejjed mill-għira ta' Paros,

— inbejjed bl-indikazzjoni ġeografika protetta minn Peloponnese;

(iv) inbejjed Portugiżi:

— l-inbejjed rosé u dawk l-inbejjed oħrajn biss bid-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi li jista' jiġi approvat li diġà ġew ippreżentati korrettament u tradizzjonalment fi fliexken tat-tip "cantil" qabel ma ġew ikklassifikati bħala nbejjed b'denominazzjonijiet tal-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi.

3. **"Clavelin":**

(a) tip: flixkun tal-ħġieġ bl-għonq qasir li jesa' 0,62 litru, li jikkonsisti f'forma ċilindrika bi spallejn wisgħin, li lill-flixkun tagħtih apparenza baxxa, madwar il-proporzjonijiet li ġejjin:

— it-tul/id-dijametru totali fil-qiegħ = 2,75;

— it-tul tal-parti ċilindrika = tul totali/2;

(b) inbejjed li għalihom huwa riservat dan it-tip ta' flixkun:

— inbejjed Franċiżi bid-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti ta':

— Côte du Jura,

— Arbois,

— L'Etoile,

— Château Chalon.

4. **"Tokaj":**

(a) tip: flixkun tal-ħġieġ dritt, bl-għonq twil, trasparenti li jikkonsisti minn forma ċilindrika bil-proporzjonijiet li ġejjin:

— it-tul tal-forma ċilindriku/it-tul totali = 1:2.7;

— it-tul/id-dijametru totali fil-qiegħ = 1:3.6;

— il-kapaċità: 500 ml; 375 ml, 250 ml, 100 ml jew 187,5 ml (f'każ ta' esportazzjoni f'pajjiż terz);

— fuq il-flixkun jista' jitqiegħed siġill magħmul mill-materjal tal-flixkun li jirreferi għar-reġjun tal-inbid jew għall-produttur.

▼B

(b) inbejjed li għalihom huwa riservat dan it-tip ta' flixkun:

inbejjed Ungeriżi jew Slovakki bid-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti ta’:

▼M1

— Tokaj,

— Vinohradnícka oblasť Tokaj

▼B

miżjudin b’wieħed mit-termini tradizzjonali li ġejjin:

— aszú/výber;

— aszúeszencia/esencia výberova;

— eszencia/esencia;

— máslas/mášláš;

— fordítás/forditáš;

— szamorodni/samorodné.

Madankollu, ir-restrizzjoni fuq l-użu ta' fliexken ta' dan it-tip għandha tapplika biss għal inbejjed magħmulin minn għeneb maqtugħ fit-territorju Ungeriż jew Slovakk.

▼**M3**

ANNESS XVIII

Aċċess għall-metodi u l-formoli elettroniċi msemmija fl-Artikolu 70a(1)(b)

Il-metodi u l-formoli elettroniċi msemmija fl-Artikolu 70a(1)(b), huma aċċessibbli liberament permezz tal-bażi tad-dejta elettronika msejħa "E-Bacchus" li ġiet stabbilita mill-Kummissjoni permezz tas-sistemi tal-informazzjoni tagħha:

http://ec.europa.eu/agriculture/markets/wine/e-bacchus/

▼**M3**

ANNESS XIX

Dettalji prattiċi dwar il-komunikazzjoni u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 70a(2)

Sabiex l-awtoritajiet u l-persuni kkonċernati minn dan ir-Regolament jiksbu informazzjoni dwar id-dettalji prattiċi biex ikollhom aċċess għas-sistemi ta' informazzjoni, għall-komunikazzjonijiet u għat-tqegħid tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni, huma għandhom jikkuntattjaw lill-Kummissjoni billi jiktbulha fl-indirizz li ġej:

Kaxxa tal-ittri elettronika funzjonali: AGRI-CONTACT-EBACCHUS@ec.europa.eu